



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

RAPPORT ANNWALI 2018

PANORAMA TAS-SENA

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-
Unjoni Ewropea hija
l-garanti tal-osservanza
tad-dritt tal-Unjoni għal
500 miljun ċittadin

curia.europa.eu



RAPPORT

ANNWALI 2018

Panorama tas-sena

Il-Qorti tal-Ġustizzja hija waħda mis-seba' istituzzjonijiet Ewropej.

Bħala l-awtorità ġudizzjarja tal-Unjoni, hija għandha bħala missjoni li tiggarantixxi l-osservanza tad-dritt Ewropew billi tiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tat-Trattati. L-istituzzjoni taħdem sabiex jinżammu l-valuri tal-Unjoni u tagħti s-sehem tagħha fil-proġett Ewropew bis-sentenzi tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija magħmula minn żewġ qradi: il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Werrej

Prefazju tal-president	5
1 Is-sena 2018 mad-daqqa t'għajn	A/ Sena f'ritratti8 B/ Sena f'ċifri l-istituzzjoni fl-2018..... 18
2 L-attività ġudizzjarja	A/ Ħarsa lura lejn is-sentenzi prinċipali tas-sena 22 B/ Lċ-ċifri bażiċi tal-attività għudizzjarja il-qorti tal-ġustizzja 42
3 Sena ta' ftuħ u ta' kuntatti	A/ L-avvenimenti importanti..... 48 B/ Lċ-ċifri bażiċi..... 52
4 Amministrazzjoni li taqdi l-ġustizzja	A/ Tiftixa kostanti għall-effiċjenza..... 56 B/ Ċifri u proġetti 63
5 Ħarsa lejn il-futur	67
6 Ibbqgħu konnessi !	70

The background of the image is a tall, modern building with a distinctive golden-brown facade made of vertical and horizontal slats, creating a grid-like pattern. To the left of the building, a row of flags is visible, including the flag of the European Union. The sky is a clear, pale blue.

**“Il-Qorti tal-Ġustizzja
tal-Unjoni Ewropea
tibqa’ pilastru b’saħħtu
u stabbli tal-proġett
Ewropew, li kontinwament
taħdem biex tippreżerva
u tikkonsolida l-valuri
fundamentali inerenti
f’Unjoni ggvernata mill-
istat tad-dritt, li ma tistax
tkun suġġetta għal xi
forma ta’ konċessjoni jew
kompromess.”**



PREFAZJU TAL-PRESIDENT

100 sena ilu, l-Ewropa kienet meqruda minn kunflitt partikolarment qattiel. Illum, iktar minn 500 miljun ċittadin tal-ġenerazzjonijiet kollha huma xhieda ta' mogħdija storika mingħajr preċedent li progressivament ħolqot Unjoni Ewropea b'valuri fundamentali komuni għall-Istati Membri tagħha u li tiggarantixxi, permezz tal-istituzzjonijiet tagħha, il-paċi, il-libertà, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.

Għandna nżommu f'moħħna l-kisbiet kbar tal-integrazzjoni Ewropea, speċjalment fi żminijiet meta l-Ewropa għandha tiġġestixxi l-inċertezzu dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, il-kriżi drammatika tal-migrazzjoni u t-tensjonijiet bejn l-Istati Membri dwar ir-rispett, minn xi wħud, tal-istat tad-dritt.

F'dan l-isfond, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tibqa' pilastru b'saħħtu u stabbli tal-proġett Ewropew, li kontinwament taħdem biex tippreżerva u tikkonsolida l-valuri fundamentali inerenti f'Unjoni mmexxija mill-istat tad-dritt, li ma tistax tkun suġġetta għal xi forma ta' konċessjoni jew kompromess.

Huwa permezz ta' ġustizzja ta' kwalità, ċara, effettiva u trasparenti li l-Qorti taħdem biex treġġa' lura l-fiduċja, fl-integrazzjoni Ewropea, taċ-ċittadini kollha, kemm jekk huma ħaddiema, konsumaturi, imprendituri, dawk li jfasslu l-politika pubblika jew amministraturi pubbliċi.

Għall-qrati tal-Unjoni, l-2018 kienet eċċezzjonali għal diversi aspetti. F'dak li għandu x'jaqsam mal-attività ġudizzjarja, kienet b'mod partikolari s-sena tar-rekords, għaliex in-numru ta' kawżi li tressqu u l-kawżi magħluqa kienu l-oġġla fl-istorja tal-istituzzjoni. Barra minn hekk, in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew, li huwa pjattaforma importanti għall-komunikazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qrati Kostituzzjonali u Supremi tal-Istati Membri, beda jaħdem fl-2018.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali mxiet definittivament lejn id-diġitalizzazzjoni, mill-1 ta' Diċembru 2018, għaliex l-iskambju ta' dokumenti ġudizzjarji bejn din il-qorti u r-rappreżentanti tal-partijiet issa qed isir esklużivament bl-applikazzjoni e-Curia. Din l-applikazzjoni tippermetti liż-żewġ qrati li jifformaw l-istituzzjoni jibbenefikaw l-iktar mill-immedjatezza ta' komunikazzjonijiet mingħajr karti u mill-iffrankar ta' volum kunsiderevoli ta' karti, u b'hekk tnaqqas il-bilanċ karbonju tal-istituzzjoni.

Fil-paġni li ġejjin, tistgħu ssibu preżentazzjoni ċara u qasira tad-deċiżjonijiet tal-qrati li ngħataw fl-2018, u l-impatt tagħhom fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-Unjoni. L-iktar avvenimenti sinjifikattivi tal-ħajja tal-istituzzjoni qed jissemew ukoll flimkien ma' serje ta' infografiji li juri ċ-ċifri ewlenin li jgħinu lil dak li jkun jifhem kif taħdem il-Qorti u l-amministrazzjoni li tiddependi fuqha sabiex twettaq il-missjoni tagħha li taqdi l-ġustizzja Ewropea.

Il-qari t-tajjeb!

Koen Lenaerts

President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea



2018

A black fountain pen with a silver clip and band lies diagonally on a light-colored wooden desk. In the upper left corner, a small, dark, round object, possibly a bowl or a container, is partially visible. The background is a solid red color with a large, faint, light red arrow pointing upwards and to the right.

IS-SENA 2018 MAD-DAQQA T'GĦAJN



A | SENA F'RITRATTI

Jannar

1 ta' Jannar

Ftuħ tan-Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea

In-network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea, li tnieda fl-2017 fl-okkażjoni tas-60 anniversarju tat-Trattati ta' Ruma, għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja favur il-kwalità tal-ġustizzja Ewropea. Titwaqqaf pjattaforma kollaborattiva, disponibbli fil-lingwi kollha tal-Unjoni, biex tlaqqa' flimkien il-ħidma tal-imħallfin Ewropej u nazzjonali fil-kuntest tal-missjoni tagħhom.


(ara l-paġna 58)



10 ta' Jannar

Tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-kawża *Glawischnig- Piesczek*

Il-Qorti Suprema Awstrijaka titlob jekk ospitant, bħal **Facebook**, jistax ikun meħtieġ jimblokka messaġġ ta' mibegħda mtella' minn utent tan-network soċjali u jekk ikunx irid iwettaq riċerki sabiex jimblokka, fuq is-siti tiegħu, fuq livell dinji, messaġġi ta' kontenut identiku (C-18/18).



25 ta' Jannar

Sentenza *F*

Persuna li tapplika għal ażil ma tistax tkun suġġetta għal test psikoloġiku sabiex jiġi ddeterminat l-**orjentament sesswali** tagħha, għax dan jikkostitwixxi intrużjoni sproporzjonata fil-ħajja privata tagħha (C-473/16). (ara l-paġna 27)



29 ta' Jannar

Tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-kawża CCOO

L-Audiencia Nacional (il-Qorti Ċentrali, Spanja) titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-kumpanniji humiex meħtieġa jkollhom sistema ta' **reġistrazzjoni tal-ħin reali maħdum** mill-persunal tagħhom sabiex jivverifikaw l-osservanza tas-siġhat tax-xogħol u biex jivverifikaw in-numru ta' siġhat ta' sahra (C-55/18).



1 ta' Frar

L-40 anniversarju tal-ħolqien tas-servizz ta' interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Oriġinarjament, sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni simultanja tas-seduti tagħha, il-Qorti kienet tibbaża ruħha biss fuq is-servizzi ta' interpretazzjoni tal-Parlament Ewropew. Mill-1 ta' Frar 1978, il-Qorti żiedet it-taqsima tal-interpreti tagħha stess sabiex tiżgura servizz ta' kwalità li jikkorrispondi għall-ħtiġijiet tagħha. Il-Qorti tikkommemora l-40 anniversarju mill-ħolqien tad-dipartiment tal-interpretazzjoni tagħha matul ċerimonja fl-Awla Manja.



1 ta' Frar

Tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-kawża *Il-Kummissjoni vs L-Ungerija*

Il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet operattivi fit-territorju Ungeriż tal-**istituzzjonijiet edukattivi għolja barranin**, b'mod partikolari ta' daww ikkostitwiti barra miż-Żona Ekonomika Ewropea, imorru kontra d-dritt tal-Unjoni (C-66/18).



14 ta' Frar

Tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-kawża *Il-Kummissjoni vs L-Italja*

Il-Kummissjoni tikkritika lill-Italja talli ma kkonformatx ruħha mad-Direttiva 2011/7/UE dwar il-ġlieda kontra l-**ħlas tard** fi tranżazzjonijiet kummerċjali, billi ma żgurax li l-awtoritajiet pubbliċi jevitaw li jaqbu t-30 jew is-60 jum kalendarju biex iħallu d-djun kummerċjali tagħhom (C-122/18).



21 ta' Frar

Tressiq quddiem il-Qorti Ġenerali tal-kawża L-Awstrija vs Il-Kummissjoni

L-Awstrija tikkontesta d-deċiżjoni li biha l-Kummissjoni awtorizzat l-ġhajna mill-Istat mogħtija mill-Ungerija għall-iżvilupp ta' żewġ **reatturi nukleari** ġodda fl-impjant ta' enerġija nukleari Paks II, li jinsab fiċ-ċentru tal-pajjiż (T-101/18).



1 ta' Marzu

Il-140 anniversarju tal-liberazzjoni tal-Bulgarija

Fl-1878, l-iffirmar tat-trattat ta' paċi f'San Stefano ppermetta lill-Bulgarija teħles minn ħames sekli ta' dominju Ottoman u terġa' tikseb postha fil-mappa tal-Ewropa. Fl-1 ta' Marzu, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkommemora l-140 anniversarju fil-preżenza tal-Membri tal-qrati u tal-persunal tal-istituzzjoni, kif ukoll ta' personalitajiet esterni.



14 ta' Marzu

Sentenza *TestBioTech vs Il-Kummissjoni*

Il-konsegwenzi tal-**organiżmi ġenetikament modifikati** (OĠM) fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jistgħu jaqgħu fil-qasam tal-ambjent. B'hekk, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi għandhom id-dritt li jipparteċipaw fil-proċess deċiżjonali dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-ikel li fihom l-OĠM (T-33/16).
(ara l-paġna 33)



17 ta' April

Sentenza *Krüsemann et*

Linja tal-ajru ma tistax tirrifjuta li tikkumpensa lill-passiġġieri għall-kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjira fil-każ ta' **azzjoni industrijali salvaġġa** tal-ekwipaġġ abbord (C-195/17).



26 ta' April

Sentenza *Messi*

Lionel Messi jista' jirreġistra t-trade mark tiegħu "Messi" għal ħwejjeġ u oġġetti sportivi. Il-fama tal-futbolier tinnewtralizza s-similitudnijiet eżistenti mal-marka "Massi" (ukoll għall-oġġetti sportivi) u teskludi kwalunkwe possibbiltà ta' konfużjoni (T-554/14).
(ara l-paġna 31)



28 ta' April

L-20 anniversarju tas-sentenzi *Kohll u Decker*

Permezz ta' dawn is-sentenzi storiċi, il-Qorti tal-Ġustizzja awtorizzat l-għoti ta' **kura medika** u x-xiri ta' **prodotti mediċinali barra mill-pajjiż**, mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-fond għall-mard nazzjonali tal-pazjenti ([sentenzi C-158/96 u C-120/95](#)).

(ara l-fuljett ta' spjegazzjoni dwar [il-Qorti tal-Ġustizzja u l-kura tas-saħħa](#))



20 sat-23 ta' Mejju

Żjara uffiċjali fl-Iżvezja

Delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tmur l-Iżvezja biex tiltaqa' b'mod partikolari mal-membri tal-Qorti Suprema, tal-Qorti Amministrattiva Suprema, tal-Qorti tal-Appell ta' Svea u tal-Qorti Amministrattiva tal-Appell ta' Stokkolma. (ara l-paġna 51)



22 ta' Mejju

Tressiq quddiem il-Qorti Ġenerali tal-kawża *Amazon vs Il-Kummissjoni*

Amazon titlob lill-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjoni li biha l-Kummissjoni ordnat lil-Lussemburgu jirkupra l-vantaġġi fiskali illegali mingħand **Amazon** għall-ammont ta' madwar EUR 280 miljun (T-318/18).



23 sas-26 ta' Mejju

Kungress FIDE

It-XXVIII kungress bjennali tal-Fédération internationale pour le droit européen (FIDE) jinżamm f'Estoril (Portugall). Din l-edizzjoni ddur madwar tliet temi prinċipali: is-suq intern u l-ekonomija diġitali, il-fiskalità, l-għajnuna mill-Istat u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, kif ukoll id-dimensjoni esterna tal-politika tal-Unjoni. (ara l-paġna 49)



29 ta' Mejju

Sentenza *Liga van Moskeeën en Islamitische Organisaties Provincie Antwerpen et*

Il-fatt li t-tbiċċir ritwali mingħajr sturdament tal-annimali għandu jsir f'biċċerija approvata, ma jippreġudikax il-**libertà tar-reliġjon** (C-426/16). (ara l-paġna 27)



31 ta' Mejju

Membri ġodda fil-Qorti tal-Awdituri

Fl-okkażjoni tat-tiġdid parzjali tal-Qorti tal-Awdituri, Tony Murphy (Irlanda), Eva Lindström (Svezja), Hannu Takkula (Finlandja) u Annemie Turtelboom (Belġju) jieħdu l-ġurament solenni tal-ħatra previst mit-Trattati.

Il-Membri tal-Qorti tal-Awdituri u tal-Kummissjoni jimpenjaw ruħhom, matul udjenza solenni li nżammet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li josservaw l-obbligi li jirriżultaw mill-funzjonijiet tagħhom.



5 ta' Ġunju

Sentenza *Coman et*

Iż-żwieġ omoesswali konkluż legalment fi Stat Membru għandu jiġi rrikonoxxut fl-Istati Membri l-oħra sabiex jiġi awtorizzat dritt għal residenza dderivat għal konġunt ċittadin ta' pajjiż li ma jkunx tal-Unjoni. Dan l-obbligu ma jfissirx, min-naħa l-oħra, li Stat Membru jkollu jipprovd, fid-dritt nazzjonali tiegħu, għaż-żwieġ omoesswali (C-673/16).
(ara l-paġna 27)



14 ta' Ġunju

Wasla uffiċjali ta' "L'Erma - Ritratto del c.d. Pseudo Seneca"

Il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' skultura tal-kollezzjoni Farnese, imsellfa mill-Mużew Arkeoloġiku Nazzjonali ta' Napoli. Ir-replika ta' prototip grieg fil-bronż tat-II sekl u qabel Kristu, maħdum fit-tieni parti tat-II sekl u wara Kristu, tirrappreżenta Seneka ż-żgħir (4 qabel Kristu - 65 wara Kristu). Madankollu, skont l-aħħar ipoteżijiet l-iktar affidabbli, huwa jirrappreżenta l-poeta u bidwi Grieg, Ħesijode. Din l-iskultura tieħu post "L'Erma di Socrate", li kienet issellfet lill-Qorti tal-Ġustizzja fi Frar 2017 minn dan l-istess mużew.



10 ta' Lulju

Sentenza *Jehovan todistajat*

Komunità reliġjuża, bħal dik tax-Xhieda ta' Jehovah, hija responsabbli, flimkien mal-membri predikaturi tagħha, għall-ipproċessar tad-**data personali** miġbura fil-kuntest ta' attivitaj ta' predikazzjoni bieb bieb (C-25/17).
(ara l-paġna 28)



13 ta' Settembru

Sentenza *Wind Tre*

Servizzi mħallsa preinstallati u attivati fuq karti SIM jikkostitwixxu prattika kummerċjali aggressiva u inġusta meta l-konsumaturi ma jkunux ġew informati ta' dan minn qabel (C-54/17 u C-55/17). (ara l-paġna 22)



2 ta' Ottubru

Tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-kawża *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja*

Il-Kummissjoni tqis li l-liġi Pollakka li tnaqqas l-**età tal-irtirar tal-imħallfin** tal-Qorti Suprema u li tagħti lill-President tal-Polonja s-setgħa diskrezzjonali li jestendi t-tul tal-funzjonijiet tagħhom tmur kontra d-dritt tal-Unjoni (C-619/18).



4 ta' Ottubru

Jum ta' studju dwar l-isfidi li qed jaffaċċjaw il-biblijoteki legali moderni

Esperti ta' livell għoli u rappreżentanti tal-varji biblijoteki Ewropej, tal-istituzzjonijiet u tal-grati kostituzzjonali u supremi jiltaqgħu sabiex jiskambjaw il-perspettivi tagħhom dwar il-futur tal-biblijoteki legali. Il-biblijoteka tal-Qorti tal-Ġustizzja, li għaddiet minn modernizzazzjoni profonda, saħħet ħafna l-użu tagħha tat-teknoloġiji l-ġodda u tar-riżorsi diġitali u qed tkompli l-kollaborazzjoni tagħha ma' biblijoteki speċjalizzati oħra sabiex toffri servizz ta' kwalità għolja lill-utenti tagħha. (ara l-paġna 50)



8 ta' Ottubru

Sostituzzjoni parzjali tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u dħul fil-kariga ta' sitt Membri ġodda

Fil-kuntest tat-tiġdid trijennali tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-mandati ta' Alexander Arabadjiev (Bulgarija), Jean-Claude Bonichot (Franza), Thomas von Danwitz (Ġermanja), Carl Gustav Fernlund (Svezja), Egils Levits (Latvja), Constantinos Lycourgos (Ċipru), Jiří Malenovský (Repubblika Ċeka), Alexandra Prechal (Pajjiżi l-Baxxi), Yves Bot (Franza), Maciej Szpunar (Polonja), jiġġeddu għal sitt snin oħra bħala Mħallef jew bħala Avukat Ġenerali.

Erba' Mħallfin ġodda, Lucia Serena Rossi (Italja), Irmantas Jarukaitis (Litwanja), Peter George Xuereb (Malta) u Nuno José Cardoso da Silva Picarda (Portugall), jinħatru mir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill. Jinħatru wkoll żewġ Avukati Ġenerali ġodda, Giovanni Pitruzzella (Italja) u Gerard Hogan (Irlanda).

Is-sitt Membri l-ġodda jieħdu l-ġurament waqt udjenza solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.



9 ta' Ottubru

Tressiq quddiem il-Qorti Ġenerali tal-kawża *Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni*


Google titlob lill-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjoni li biha l-Kummissjoni imponiet fuqha multa ta' EUR 4.34 biljun fuq prattiki illegali dwar **apparati mobbli Android** sabiex issaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tal-magna ta' tiftix tagħha (T-604/18).



7 ta' Novembru

Il-100 anniversarju tal-Indipendenza tal-Polonja

Fil-11 ta' Novembru 1918, il-Polonja reġgħet kisbet l-indipendenza tagħha wara li kienet inqasmet bejn l-imperi Russi, Awstro-Ungariċi u Prussjani. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkommemora l-100 anniversarju ta' din l-indipendenza b'konferenza dwar "L-isfidi għad-demokrazija Pollakka wara ċ-ċentinarju tal-irkupru tal-indipendenza tal-Polonja", bil-parteciċipazzjoni tal-membri tal-qorti u tal-persunal.



18 sal-20 ta' Novembru

Forum tal-membri tal-ġudikatura

Dan il-forum annwali jlaqqa' flimkien, għal jumejn, membri tal-ġudikatura nazzjonali mit-28 Stat Membru u l-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiskambjaw fehmiet dwar suġġetti differenti tad-dritt tal-Unjoni u sabiex isaħħu l-kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri u tal-Qorti tal-Ġustizzja.
(ara l-paġna 50)



3 ta' Diċembru

Tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-kawża *Deutsche Umwelthilfe*

Il-Qorti Amministrattiva tal-Bavarja (Ġermanja) titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, fil-każ li l-Istat jinjora sentenza definitiva li tobligja li jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni għall-**kwalità tal-arja** (Belt ta' Munich), id-dritt tal-Unjoni jippermettix li jiġu imposti r-restrizzjonijiet permezz tal-korpi lill-aġenti tal-Istat, peress li s-sanzjonijiet pekunjarji ma jkunux tneħħew (C-752/18).



4 ta' Diċembru

Ftuħ tal-espożizzjoni "Il-Palazz tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea - Għaxar snin"

Fl-2008, il-Qorti tal-Ġustizzja tidħol fil-Palazz il-ġdid tagħha, bini simboliku li jirrifletti l-ġustizzja Ewropea. L-infrastrutturi l-ġodda immobbli huma komposti mill-palazz il-ġdid, l-anell, il-gallerija, u żewġ torrijiet. Il-Qorti tikkommemora l-10 anniversarju mill-inawgurazzjoni tal-bini l-ġdid b'wirja li turi l-iktar żviluppi importanti fil-ħajja tal-Qorti bħala istituzzjoni, qorti u amministrazzjoni tul l-aħħar għaxar snin.



10 ta' Diċembru

Sentenza *Wightman et*

Ir-Renju Unit jista' jirrevoka unilateralment il-komunikazzjoni tal-intenzjoni tiegħu li **joħroġ mill-Unjoni** bis-saħħa tal-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) (C-621/18).
(ara l-paġna 39)

B | SENA F'ĊIFRI L-ISTITUZZJONI FL-2018

BAĠIT 2018

410

EUR MILJUNI

Fuq livell statistiku, is-sena 2017 rat attività ġudizzjarja intensa ħafna. Dan jirriżulta f'numru eċċezzjonali ta' 1 769 kawża magħluqa mill-istituzzjoni kollha (imqabbla ma' 1 594 fl-2017 u 1 628 fl-2016) u minn kull wieħed miż-żewġ qradi (760 mill-Qorti tal-Ġustizzja u 1 009 mill-Qorti Ġenerali). Bl-istess mod, l-1 683 kawża globali mressqa (meta mqabbla ma' 1 656 fl-2017) jixhdu wkoll juru tendenza għal żieda.

Dan il-volum ta' xogħol issarraf ukoll fl-attività tad-dipartimenti amministrattivi li jagħtu ta' kuljum is-sostenn tagħhom lill-qradi.

75

imħallef

11

-il avukat ġenerali

2 217

-il uffiċjal u membru tal-persunal

39 %

Raġel
872

61 %

Mara
1 345

mit-28 Stat Membru

Ir-rappreżentanza tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fl-amministrazzjoni tqiegħed il-Qorti fil-medja oġġla tal-istituzzjonijiet Ewropej.

663

mara f'pożizzjoni ta' amministratur (53 %)

27

mara f'pożizzjoni ta' tmexxija (37.5 %)

21

pożizzjoni ta' tmexxija intermedja (37 %) u

6

pożizzjonijiet ta' tmexxija superjuri (40 %)



Is-sena ġudizzjarja (qrati kollha inklużi)

1 683

kawża mressqa

1 769

kawża magħluqa

163 642

dokument proċedurali mniżżel fir-reġistri

Tul medju tal-kawżi:



madwar

18

-il xahar

Il-Qorti tal-Ġustizzja 15.7 xhur
Il-Qorti Ġenerali 20 xahar

Perċentwali tal-atti ppreżentati permezz ta' e-Curia:

Il-Qorti tal-Ġustizzja: 75 %

Il-Qorti Ġenerali: 85 %

Numru ta' kontijiet ta' aċċess għal e-Curia: 5 657



2 727

komunikazzjoni ġudizzjarja ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

ID-DIPARTIMENTI LINGWISTIĊI

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala istituzzjoni ġudizzjarja multilingwi, għandha tkun tista' tittratta kawża tkun xi tkun il-lingwa uffiċjali tal-Unjoni li fih tkun tressqet. Hija mbagħad tippubblika l-ġurisprudenza tagħha f'dawn il-lingwi kollha.

24

lingwa tal-kawża potenzjali, jew 552 kombinazzjoni lingwistika possibbli

606

"ġurista lingwista" sabiex jittrađu d-dokumenti miktuba

23

diviżjoni lingwistika



Fil-Qorti tal-Ġustizzja, it-traduzzjonijiet jitwettqu skont sistema lingwistika obbligatorja, li tipprevedi l-possibbiltà li jintużaw l-24 lingwa uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea. Id-dokumenti li għandhom jiġu tradotti huma kollha testi legali tekniċi ħafna. Huwa għalhekk li d-dipartiment lingwistiku tal-Qorti tal-Ġustizzja jimpjega biss "ġuristi-lingwisti" li jkollhom taħriġ legali sħiħ, kif ukoll għarfien profond ta' mill-inqas żewġ lingwi uffiċjali minbarra l-ilsien matern tagħhom.



1 215 000

paġna prodotta mid-dipartiment tat-traduzzjoni

Tnaqqis tal-bżonn ta' traduzzjoni fl-2018 (miżuri ta' ffrankar interni):

565 000 paġna

Numru ta' paġni għat-traduzzjoni:

1 285 000



721

seduti u laqgħat li kellhom interpretazzjoni simultanja



71

interpretu għas-seduti u għal-laqgħat

IS-SENA ISTITUZZJONALI



2 292

membru tal-ġudikatura nazzjonali li ntlaga' fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' seminarji, taħriġ, żjarat u stage



Madwar

20 000

viżitatur

- professjonist
- ġurnalist
- student
- ċittadin



79

avveniment protokollari





L-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA

2



A | **ĦARSA LURA LEJN** **IS-SENTENZI PRINĊIPALI TAS-SENA**

Protezzjoni tal-konsumaturi

Il-protezzjoni tal-konsumatur hija waħda mill-prijoritajiet kostanti tal-Unjoni Ewropea, li tfittex li jiġu applikati regoli stretti sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni lilu. Hija tfittex ukoll li ttejjeb l-għarfien dwar id-drittijiet disponibbli għalihom sabiex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet informati u jiddefendu l-interessi tagħhom, b'mod partikolari kontra prattiki kummerċjali inġusti.

F'kawża li kienet tirrigwarda t-tqegħid fis-suq ta' SIM cards b'**servizzi installati u attivati minn qabel**, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li din hija "provvista mhux mitluba" u għalhekk prattika kummerċjali aggressiva u inġusta fir-rigward tal-konsumaturi meta ma jkunux ġew informati qabel.

→ **Sentenza Wind Tre u Vodafone Italia**
tat-13 ta' Settembru 2018, Kawżi magħquda C-54/17 u C-55/17

Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet ukoll li r-**rimbors**, skont l-iskema ta' assigurazzjoni tas-saħħa nazzjonali, ta' **prodott mediċinali preskritt għal użu li mhuwiex kopert mill-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni tiegħu** ma jmurx kontra d-dritt tal-Unjoni. Madankollu, dan il-prodott mediċinali jrid jibqa' konformi mal-leġiżlazzjoni farmaċewtika tal-Unjoni. B'hekk, prodott mediċinali maħsub, bħala prinċipju, biex tittratta ċerti kankri jista' jiġi rimborosat meta jiġi preskritt għat-trattament ta' marda tal-għajnejn bi spiża iktar baxxa minn prodott mediċinali ieħor maħsub għall-istess trattament.

→ **Sentenza Novartis Farma tal-21 ta' Novembru 2018, C-29/17**

F'kawża mressqa mill-kumpannija Dyson, produttur ta' aspiratur b'kontenitur bla borża, il-Qorti Ġenerali annullat ir-regolament dwar it-**tikkettar tal-enerġija għall-aspiraturi**. Hija pprovdiet metodu għall-kalkolu tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-aspiraturi abbażi ta' kontenitur vojta, li ma jikkorrispondix għal kundizzjonijiet kemm jista' jkun qrib għall-kundizzjonijiet attwali tal-użu.

→ Sentenza *Dyson* tat-8 ta' Novembru 2018, T-544/13 RENV





Protezzjoni tal-ħaddiema

Id-dritt tal-Unjoni jipproteġi lill-ħaddiema b'ħafna modi. Fil-qasam tal-kuntratti għal żmien determinat, ftehim qafas tal-imsieħba soċjali Ewropej jipprevedi miżuri minimi maħsuba biex jevitaw il-prekarjat tal-impjegati. Barra minn hekk, direttiva waħda tirregola ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, b'hall-perijodi massimi ta' ħin tax-xogħol u d-dritt għal leave annwali mħallas ta' mill-inqas erba' ġimgħat, li jista' jiġi sostitwit b'indennizz finanzjarju biss fi tmiem ir-relazzjoni tal-impjeg.

Fl-Italja, l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi għal żmien determinat jiġi ppenalizzat bir-riklassifikazzjoni awtomatika f'kuntratti għal żmien determinat. Madankollu, din il-protezzjoni ma tapplikax għall-impjegati tal-fondazzjonijiet liriċi u sinfoniċi. Mitluba tippronunzja ruħha fuq il-legalità ta' din l-esklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat ma jobbligax lill-Istati Membri jipprovdu għal riklassifikazzjoni awtomatika b'hal din. Madankollu, huwa jipprekludi l-esklużjoni ta' settur speċifiku minn miżura b'hal din meta ma jkunx hemm sanzjoni effettiva oħra għall-abbużi kkonstatati f'dan is-settur.

→ [Sentenza *Sciotto* tal-25 ta' Ottubru 2018, C-331/17](#)

Il-ħin fuq stennija li pumpier volontarju għandu jgħaddi d-dar bl-obbligu li jwieġeb għas-sejnhiet mingħand il-persuna li timpjegah f'perijodu ta' żmien qasir għandu jitqies li huwa ħin tax-xogħol. Fil-fatt, l-obbligu li wiehded jibqa' fiżikament preżenti fil-post stabbilit mill-persuna li timpjegah kif ukoll l-obbligu li jirritorna lejn il-post tax-xogħol fi żmien qasir jillimitaw b'mod sinifikattiv ħafna l-possibilità, għall-ħaddiem, li jiddedika ruħu għal attivitajiet oħra.

→ [Sentenza *Matzak* tal-21 ta' Frar 2018, C-518/15](#)

F'dak li jirrigwarda d-**dritt għal-leave annwali mħallas** skont id-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li ħaddiem ma jistax jitolfu awtomatikament għaliex ma jkunx applika għalih. Madankollu, jekk il-ħaddiem ikun deliberatament u konxjament astjiena milli jieħu l-leave, anki jekk il-persuna li timpjegah tkun fil-fatt qegħditu fil-pożizzjoni li jagħmel dan, huwa jitlef id-dritt tiegħu għal-leave annwali mħallas, kif ukoll id-dritt tiegħu għal kumpens finanzjarju fil-każ ta' terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol.

→ Sentenzi Kreuziger u Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften
tas-6 ta' Novembru 2018, C-619/16 u C-684/16

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rriaffermt li l-verrieta ta' ħaddiem li jkun miet jistgħu jitolbu kumpens finanzjarju mingħand il-persuna li tkun impjegatu għal-leave annwali mħallas mhux meħud minn dan il-ħaddiem. Fil-fatt, id-dritt tal-ħaddiem li jkun miet għal din l-allowance huwa trasferibbli b'suċċessjoni lill-verrieta tiegħu.

→ Sentenza Bauer u Willmeroth
tas-6 ta' Novembru 2018, kawżi magħquda C-569/16 u C-570/16

Fl-aħħar nett, id-dritt tal-Unjoni jipprevedi li kull ħaddiem għandu dritt għal leave annwali mħallas ta' mill-inqas erba' ġimgħat, abbażi tal-premessa li l-ħaddiem ikun fil-fatt ħadem matul il-perijodu ta' referenza. B'hekk, dispożizzjoni nazzjonali li ma tiħux inkunsiderazzjoni t-**tul ta' żmien tal-leave parentali sabiex jiġi ddeterminat it-tul ta' żmien tal-leave annwali mħallas** iggarantit lill ħaddiem hija konformi mad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, il-perijodu ta' leave parentali ma jistax jiġi assimilat ma' perijodu ta' xogħol effettiv.

→ Sentenza Dicu tal-4 ta' Ottubru 2018, C-12/17





Drittijiet fundamentali u protezzjoni tad-data personali

L-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq ġabra ta' valuri u ta' drittijiet fundamentali rrikonoxxuti u minquxa fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li kisbu saħħha ta' liġi fl-2009. B'mod partikolari, il-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni huma maħsuba biex jiproteġu liċ-ċittadini tal-Unjoni mid-diskriminazzjoni abbażi ta' nazjonalità, sess, razza, diżabbiltà, età, orjentament sesswali jew reliġjon. Matul is-snin, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tippronunzja ruħha iktar u iktar f'dan il-qasam billi tiċċara l-portata ta' dawn id-drittijiet fundamentali. Fl-2018, hija kellha rwol importanti fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra l-persuni abbażi tar-reliġjon u tal-orjentament sesswali tagħhom.

Fil-Ġermanja, il-komunità Protestanta għad-Djkonija u l-iżvilupp (organizzazzjoni reliġjuża) kienet teżiġi li fl-applikazzjoni ta' impjeg il-kandidati jkunu membri ta' knisja Protestanta jew ta' xi knejjes Kristjani oħra. Meta ntalbet mill-Qorti Federali tax-Xogħol Ġermaniża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-**rekwiżit ta' affiljazzjoni reliġjuża** għal pożizzjoni fi ħdan knisja jew organizzazzjoni reliġjuża għandu jkun jista' jkun suġġett għal sħarriġ ġudizzjarju effettiv. Dan ir-rekwiżit għandu jkun neċessarju u oġġettivament impost, fid-dawl tal-etika tal-knisja jew tal-organizzazzjoni, bin-natura jew bil-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju tal-attività professjonali inkwistjoni u jrid ikun konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

→ Sentenza Egenberger tas-17 ta' April 2018, C-414/16

Bl-istess mod, it-tkeċċija ta' tabib Kattoliku minn sptar Kattoliku minħabba ż-żwieġ mill-ġdid tiegħu wara d-divorzju tista' tikkostitwixxi **diskriminazzjoni pprojbita fuq il-bażi tar-reliġjon**. Fil-fatt, ir-rekwiżit għal tabib Kattoliku ewlieni li josserva n-natura sagra u indissolubbli taż-żwieġ skont il-kunċett tal-Knisja Kattolika ma jidherx li jikkostitwixxi rekwiżit professjonali essenzjali, leġittimu u ġustifikat, ħaġa li hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat ukoll li l-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon għandha natura imperattiva bħala prinċipju ġenerali tad-dritt stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Minn dan isegwi li kwalunkwe individwu jista' jinvoka din il-projbizzjoni f'tilwima li taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni.

→ [Sentenza *IR* tal-11 ta' Settembru 2018, C-68/17](#)

Diversi assoċjazzjonijiet Musulmani u organizzazzjonijiet sussidjarji ta' moskej ressqu kawża kontra r-Reġjun Fjamming tal-Belġju fid-dawl tal-avviż tiegħu li, mill-2015 'il quddiem, it-**tbiċċir kollu tal-annimali mingħajr sturdament**, inkluż dak tal-festa Musulmana tas-sagrifiċċju, kellhom jitwettqu biss fil-biċċeriji approvati. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li, fi f'dan l-Unjoni Ewropea, it-tbiċċir ritwali mingħajr sturdament jista' jsir biss f'biċċerija approvata. Dan l-obbligu ma jiksirx il-libertà tar-reliġjon peress li għandu biss l-għan li jirregola l-eżerċizzju liberu tat-tbiċċir ritwali, filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni r-regoli essenzjali għall-protezzjoni tal-benesseri tal-annimali u għas-saħħa tal-konsumaturi tal-laħam tal-annimali.

→ [Sentenza *Liga van Moskeeën en Islamitische Organisaties Provincie Antwerpen* et tad-29 ta' Mejju 2018, C-426/16](#)

Id-direttiva dwar l-eżerċizzju tal-libertà ta' moviment għaċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom tippermetti lis-sieħeb ta' tali ċittadin, li jkun eżerċita din il-libertà, jingħaqad mal-konjuġi tiegħu fl-Istat Membru li fih jirrisjedi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta' "konjuġi", fis-sens tad-Direttiva, jinkludi s-sieħeb tal-istess sess. Anki jekk l-Istati Membri jibqgħu f'hejda li jiddeċiedu jekk jippermettux jew le ż-żwieġ omosesswali, huma ma jistgħux jirrestrinġu l-libertà ta' residenza ta' ċittadin tal-Unjoni, billi jirrifjutaw li jagħtu lis-sieħeb tiegħu tal-istess sess, ċittadin ta' pajjiż li mhux mill-Unjoni, dritt derivat ta' residenza fit-territorju tagħhom. Għalhekk, Stat Membru għandu l-obbligu li **jirrikonoxxi żwieġ omosesswali** konklużi fi Stat Membru ieħor skont il-liġi tiegħu, bl-iskop uniku li jagħti dan id-dritt ta' residenza. Min-naħa l-oħra, dan l-obbligu ma jimponix fuq l-Istat Membru li jipprovdi, fil-liġi nazzjonali tiegħu, l-istituzzjoni taż-żwieġ omosesswali.

→ [Sentenza *Coman* et tal-5 ta' Ġunju 2018, C-673/16](#)

Fost affarijiet oħrajn, applikant għal ażil ma jistax jiġi suġġett għal test psikoloġiku sabiex jiġi ddeterminat l-orjentament sesswali tiegħu. Anki jekk il-persuna kkonċernata formalment tagħti l-kunsens sabiex tiġi suġġetta għal dawn it-testijiet, dan il-kunsens ma jkunx neċessarjament ħieles peress li jiġi impost taħt il-pressjoni taċ-ċirkustanzi li fihom tkun tinsab din il-persuna. Ir-rikors għal din il-perizja psikoloġika għalhekk tikkostitwixxi intrużjoni sproporzjonata u partikolarment serja fil-ħajja privata tal-applikant għall-ażil, għaliex hija maħsuba li tagħti ħarsa tal-iktar aspetti intimi ta' ħajjitha.

→ [Sentenza *F* tal-25 ta' Jannar 2018, C-473/16](#)



Quddiem iż-żieda tal-iskambji ta' data personali bejn atturi pubbliċi u privati - inklużi l-persuni fiżiċi, l-assoċjazzjonijiet u l-impriżi - il-missjoni tad-dritt tal-Unjoni hija li jiddefinixxi qafas sod u koerenti għall-protezzjoni tad-data, peress li huwa importanti li tinholq il-fiduċja li tippermetti lill-ekonomija diġitali tiżviluppa fis-suq intern kollu. FI-2018, il-Qorti tal-Ġustizzja tat diversi deċiżjonijiet fil-qasam tar-responsabbiltajiet li jirriżultaw mill-għbir u mill-ipproċessar tad-data personali.

B'hekk, l-amministratur ta' **fan page** **ġewwa Facebook** huwa koresponsabbli ma' Facebook għall-ipproċessar tad-data tal-viżitaturi fil-paġna tiegħu.

→ Sentenza *Wirtschaftsakademie Schleswig-Holstein* tal-5 ta' Ġunju 2018, C-210/16

Bl-istess mod, komunità reliġjuża, bħal dik tax-**Xhieda ta' Jehovah**, hija responsabbli, flimkien mal-membri predikaturi tagħha, għall-ipproċessar tad-**data personali** miġbura fil-kuntast ta' attività ta' predikazzjoni bieb bieb (C-25/17).

→ Sentenza *Jehovan todistajat* tal-10 ta' Lulju 2018, C-25/17





Għajnuna mill-Istat u l-kompetizzjoni

Il-kompetizzjoni ħielsa hija element essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-Unjoni. Hija tinċentiva l-ekonomija u tippermetti lill-konsumaturi jibbenefikaw minn għażla usa' ta' prodotti u ta' servizzi ta' kwalità aħjar bi prezzijiet iktar kompetittivi. Id-dritt tal-Unjoni jiżgura konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni ħielsa u leali bejn l-impriżi fi ħdan is-suq intern. F'dan il-kuntest, l-għajnuna mill-Istat bħala prinċipju hija pprojbita, sakemm ma tkunx ġustifikata u ma toħloqx distorsjoni tal-kompetizzjoni b'mod li tmur kontra l-interess ġenerali.



F'kawża Taljana, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tordnax l-irkupru tal-għajnuna illegali mogħtija mill-Italja. Din l-għajnuna kienet tikkonsisti f'eżenzjoni mit-taxxa muniċipali fuq proprjetà immobbli għal entitajiet mhux kummerċjali, bħal istituzzjonijiet ekkleżjastiċi jew reliġjużi, li jwettqu attivitajiet ta' skola jew ta' akkomodazzjoni. Għall-ewwel darba, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li kompetituri diretti ta' beneficijarji ta' għajnuna mill-Istat għandhom id-dritt li jressqu kawża quddiem il-qrati tal-Unjoni sabiex jitolbu l-annullament ta' tali deċiżjoni.


→ [Sentenza *Scuola Elementare Maria Montessori et* tas-6 ta' Novembru 2018, kawża magħquda C-622/16 et](#)

Il-Qorti Ġenerali, min-naħa tagħha, annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma topponix l-iskema ta' għajnuna li tistabbilixxi suq tal-kapaċità fir-Renju Unit. B'din l-iskema, ir-Renju Unit għandu l-intenzjoni li jħallas lill-fornituri għall-kapaċità ta' produzzjoni ta' elettriku jew li jnaqqsu jew jipposponu l-konsum fi żminijiet ta' vultaġġ qawwi fin-netwerk li jintrabtu li jipproduċu. Il-Qorti Ġenerali sostniet li l-Kummissjoni kellha jkollha dubji dwar ċerti aspetti tal-għajnuna proposta u tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali sabiex tevalwa l-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern.

→ [Sentenza *Tempus Energy u Tempus Energy Technology/Commission* tal-15 ta' Novembru 2018, T-793/14](#)

Il-Qorti Ġenerali annullat ukoll parzjalment id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li kkonstata l-eżistenza ta' **akkordji u abbuż ta' pożizzjoni dominanti fis-suq tal-perindopril**, medikament għal kontra l-pressjoni għolja u l-insuffiċjenza tal-qalb. Madankollu, hija kkonfermat li ċerti ftehimiet ta' soluzzjoni bonarja fil-kuntest tal-kontenzjuż fil-qasam tal-privattivi jistgħu jkunu restrittivi għall-kompetizzjoni skont is-suġġett.

→ Sentenzi *Biogaran et vs Il-Kummissjoni* tat-12 ta' Diċembru 2018, T-677/14 et





Copyright

Trade marks u drittijiet tal-awtur

L-Unjoni Ewropea waqqfet sistema għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali li tippermetti li jkun hemm strumenti affidabbli għall-protezzjoni tat-trade marks u d-disinni kif ukoll tax-xogħlijiet letterarji u artistiċi. Ir-regoli kollha adottati mill-Unjoni, li l-applikazzjoni u l-osservanza tagħhom jiġu żgurati mill-Qorti tal-Ġustizzja, jikkontribwixxu għall-innovazzjoni, għall-kompetittività, għall-ħolqien tal-impjiegi u għall-finanzjament tar-riċerka.

Il-Qorti Ġenerali ċċarat il-portata tal-projbizzjoni li ssir applikazzjoni għal trade mark minħabba li tippreġudika l-ordni pubbliku u l-moralità pubblika. B'dan il-mod, ir-reġistrazzjoni tat-trade mark "La Mafia se sienta a la mesa" ġiet irrifjutata, għaliex l-espressjoni użata hija tali li toħloq xokk jew li toffendi lil kull persuna raġonevoli li, fit-territorju tal-Unjoni, ikollha limiti medji ta' sensittività u tolleranza.

→ [*Sentenza La Mafia Franchises vs EUIPO tal-15 ta' Marzu 2018, T-1/17*](#)

Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-futbolier Lionel Messi jista' jirreġistra t-trade mark tiegħu "Messi" għal ħwejjeġ u oġġetti sportivi. Anki jekk il-marka "Massi", proprjetà ta' kumpannija Spanjola, tirreferi wkoll għal oġġetti sportivi, ir-reputazzjoni tal-futbolier tinnewtralizza x-xebh viżiv u fonetiku bejn iż-żewġ trade marks u teskludi kwalunkwe probabbiltà ta' konfużjoni.

→ [*Sentenza Messi Cuccittini vs EUIPO tas-26 ta' April 2018, T-554/14*](#)

Fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li t-togħma ta' **prodott tal-ikel** (f'dan il-każ il-ġobon Olandiż "Heksenkaas") ma tistax tiġi protetta mid-drittijiet tal-awtur. Fil-fatt, din it-togħma ma tistax tiġi kkwalifikata bħala "xogħol", peress li ma tistax tiġi identifikata b'mod preċiż u oġġettiv.

→ [*Sentenza Levola Hengelo tat-13 ta' Novembru 2018, C-310/17*](#)

Fl-aħħar nett, jekk ritratt ikun aċċessibbli liberament fuq sit internet, bil-permess tal-awtur, it-tqegħid tiegħu f'sit internet ieħor jeħtieġ awtorizzazzjoni għida tal-awtur. Fil-fatt, b'dan it-tqegħid mill-għid, ir-ritratt isir disponibbli għal pubbliku għid.

→ [Sentenza *Renckhoff* tas-7 ta' Awwissu 2018, C-161/17](#)





Saħħa u ambjent

Ir-regoli ambjentali tal-Unjoni Ewropea huma fost daww iktar stretti fid-dinja: huma jfittxu li jirrendu l-ekonomija iktar ekoloġika, li jħarsu l-biodiversità u l-habitats naturali, u jiżguraw livell għoli ta' saħħa u ta' kwalità tal-ħajja fl-Unjoni.

Fil-kuntest tal-protezzjoni ambjentali, il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-validità tar-restrizzjonijiet introdotti fl-Unjoni fl-2013 kontra ċerti **insettiċidi** bbażati fuq ir-riskji għan-naħal.

→ [Sentenzi Bayer CropScience et vs Il-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2018, T-429/13](#)

Min-naħa l-oħra, hija annullat parzjalment ir-Regolament il-ġdid tal-Kummissjoni tal-2016, li jistabbilixxi **limiti tal-emissjonijiet għall-inkwinanti gassużi** (ossidu tan-nitroġenu) għal vetturi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali previsti fir-Regolament "Euro 6".

→ [Sentenza Ville de Paris et vs Il-Kummissjoni, Kawżi Magħquda T-339/16 et](#)

Il-Qorti Ġenerali wkoll iddikjarat li l-effetti tal-organiżmi ġenetikament modifikati (OĠM) fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jistgħu jaqgħu fil-qasam ambjentali, biex b'hekk, fuq il-bażi tar-Regolament ta' Aarhus tal-1998 dwar l-ambjent, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi għandhom id-dritt li jipparteċipaw fil-**proċess deċiżjonali tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-ikel li fihom l-OMG**. Il-Qorti Ġenerali għaldaqstant annullat id-deċiżjoni li biha l-Kummissjoni kienet ivaħdet it-talba ta' organizzazzjoni bħal din biex tirrevedi l-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-ikel, ingredjenti tal-ikel u għalf li jkun fihom is-soja ġenetikament modifikata.

→ [Sentenza TestBioTech vs Il-Kummissjoni tal-14 ta' Marzu 2018, T-33/16](#)

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-organiżmi miksuba permezz tal-**mutaġenesi** (ġabra ta' proċeduri li jippermettu l-alterazzjoni tal-ġenoma ta' speċi ħajja mingħajr inklużjoni ta' DNA barrani) huma OĖM. Dawn għandhom għalhekk jiġu awtorizzati wara evalwazzjoni tar-riskji għas-saħħa u għall-ambjent u għandhom ikunu suġġetti għar-rekwiżiti ta' traċċabbiltà, tikkettar u sorveljanza.

→ [Sentenza Confédération paysanne et tal-25 ta' Lulju 2018, C-528/16](#)

Barra minn hekk, diversi nuqqasijiet ta' twettiq ta' obbligu ta' Stati Membri ġew ikkonstatati fil-qasam ambjentali: il-qbiż persistenti fil-Polonja tal-limiti tal-konċentrazzjonijiet ta' **partiċelli sospiżi fl-arja ambjent** (PM10); il-politika tal-**ġestjoni tal-foresti** tal-Polonja kontra l-proliferazzjoni ta' koleopteru li jqiegħed fil-periklu s-sit protett tal-foresta ta' Białowieża; l-awtorizzazzjoni mogħtija minn Malta għall-**insib ta' ċerti speċi ta' għasafar selvaġġi**.

→ [Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Polonja tat-22 ta' Frar 2018, C-336/16](#)

→ [Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Polonja tas-17 ta' April 2018, C-441/17](#)

→ [Sentenza Il-Kummissjoni vs Malta tal-21 ta' Ġunju 2018, C-557/15](#)

Fl-aħħar nett, meta l-Istati Membri jonqsu milli jimplimentaw sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata ksur tal-obbligi tagħhom taħt id-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista' tressaq azzjoni ġdida sabiex titlob sanzjonijiet pekunarji.

Huwa b'dan il-mod li l-Greċja, l-Italja u Spanja rċewew multi talli damu biex jimplimentaw ir-regoli tal-Unjoni dwar il-**ġbir u t-trattament tal-ilma mormi**. Is-Slovakkja, min-naħa tagħha, għet ippenalizzata għad-dewmien tagħha fl-implimentazzjoni tar-regoli dwar ir-**rimi ta' skart f'landfill**.

→ [Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja tat-22 ta' Frar 2018, C-328/16](#)

→ [Sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja tal-31 ta' Mejju 2018, C-251/17](#)

→ [Sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja tal-25 ta' Lulju 2018, C-205/17](#)

→ [Sentenza Il-Kummissjoni vs Is-Slovakkja tal-4 ta' Lulju 2018, C-626/16](#)





Provvista ta' enerġija

Fil-kuntest tad-diskussjonijiet kontinwi dwar ir-riskji assoċjati mal-produzzjoni tal-enerġija nukleari, diversi Stati Membri tal-Unjoni ddikjaraw li huma lesti li jirrinunzjaw għal dan it-tip ta' enerġija. Oħra, min-naħa l-oħra, iddeċidew li jsegu t-triq nukleari u jagħmlu investimenti sinjifikattivi, b'mod partikolari fil-bini ta' reatturi ġodda. Peress li tali nefqa statali tista' tikkomprometti l-kompetizzjoni fis-suq tal-enerġija, il-Kummissjoni adottat diversi deċiżjonijiet dwar il-kompatibbiltà tagħhom mad-dritt tal-Unjoni, li l-validità tagħhom ġiet suġġetta għall-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali. Il-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra li hija kompetenti biex tisma' appelli minn sentenzi tal-Qorti Ġenerali, irċeviet, min-naħa tagħha, domandi preliminari dwar is-settur nukleari.

Fl-2014, il-Kummissjoni approvat l-għajnuna li r-Renju Unit qed jippjana li jagħti lill-impjant tal-enerġija nukleari ta' Hinkley Point, li jinsab fuq il-kosta tiegħu, bil-għan li jiġi promoss il-ħolqien ta' kapaċitajiet ġodda ta' **ġenerazzjoni ta' enerġija nukleari**. L-Awstrija talbet l-annullament ta' din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali. Hija ċaħdet ir-rikors, filwaqt li rrilevat li kull Stat Membru għandu d-dritt li jagħżel is-sors tal-enerġija li jippreferi u li l-iżvilupp tal-enerġija nukleari jista' jkun għan ta' interess pubbliku li jiġġustifika l-għoti ta' miżuri ta' għajnuna, anki jekk dak il-għan ma jkunx kondiviż mill-Istati Membri kollha.

→ [**Sentenza L-Awstrija vs Il-Kummissjoni tat-12 ta' Lulju 2018, T-356/15**](#)

Sabiex jiġu żgurati l-affidabbiltà u l-istabbiltà tas-sistema tal-elettriku fis-Slovakkja wara l-għeluq ta' żewġ blokko tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Jaslovské Bohunice, ġiet imposta tariffa speċifika minn dan l-Istat Membru fuq l-esportazzjoni tal-elettriku prodott fit-territorju Slovakk, inkluż dak lejn l-Istati Membri. Fuq talba ta' qorti Slovakkja, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Istati Membri ma jistgħux jimponu **taxxa fuq l-esportazzjoni tal-elettriku** prodott fit-territorju tagħhom, anki jekk din it-taxxa tkun maħsuba biex tiżgura l-istabbiltà tal-provvista f'dan l-istess territorju.

→ [**Sentenza FENS tas-6 ta' Diċembru 2018, C-305/17**](#)



Żona euro

Il-kriżi finanzjarja tal-2008 wasslet għall-adozzjoni ta' ħafna regoli bankarji u finanzjarji fuq livell Ewropew. Sabiex il-fondi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu jsiru iktar faċli biex jinftehm, il-leġislatur Ewropew introduċa strument ġdid ta' evalwazzjoni, il-**"proporzjon ta' ingranaġġ"**. L-ispeċifità tiegħu tirriżulta mill-fatt li dan ma jiġix ikkalkolat fuq il-bażi tal-livell ta' riskju tal-investimenti (skoperturi) tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u huwa intiż, bħala prinċipju, li jieħu inkunsiderazzjoni l-investimenti kollha tagħhom.

Sitt istituzzjonijiet ta' kreditu Franċiżi li jaqgħu taħt is-superviżjoni prudenzjali diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) talbu deroga sabiex ikunu jistgħu jeskludu mill-kalkolu tal-**proporzjon ta' ingranaġġ** ċerti skoperturi relatati mal-kotba tat-tfaddil u ttrasferiti lil istituzzjoni pubblika Franċiża. Billi l-BĊE rrifjuta li jagħti din id-deroga, l-istituzzjonijiet ta' kreditu ressqu kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. Wara li sabet li l-BĊE kien wettaq żbalji ta' liġi u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjonijiet tal-BĊE.



[Sentenzi Banque Postale et vs BĊE tat-13 ta' Lulju 2018, T-733/16 et](#)



Politika barranija u miżuri restrittivi

Il-“miżuri restrittivi” jikkostitwixxu strument tal-politika barranija tal-Unjoni Ewropea li jista’ jieħu l-forma ta’ embargo fuq l-armi, iffriżar ta’ fondi, projbizzjoni ta’ dħul u ta’ tranżitu fit-territorju tal-Unjoni, projbizzjoni ta’ importazzjoni jew ta’ esportazzjoni, etc. Huma jfittxu li jippreżervaw il-valuri u s-sigurtà tal-Unjoni, li jsostnu d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali, li jevitaw il-kunflitti u jippreżervaw il-paċi. Huma jistgħu jiġu indirizzati lejn gvernijiet ta’ pajjiżi mhux membri tal-Unjoni, kumpanniji, gruppi jew organizzazzjonijiet (bħal gruppi terroristiċi), kif ukoll individwi bil-għan li jwasslu għal bidla fil-politika jew l-imġiba.

Fil-kuntest tal-kriżi fl-Ukrajna u b’reazzjoni għall-azzjonijiet tar-Russja biex tiddestabilizza s-sitwazzjoni f’dan il-pajjiż, il-Kunsill adotta miżuri restrittivi kontra diversi banek Russi u kumpanniji taż-żejt u tal-gass bħal **Rosneft**. Bit-tir li tiżdied l-ispiża tal-azzjonijiet tar-Russja, dawn il-miżuri jimponu limitazzjonijiet fuq ċerti tranżazzjonijiet finanzjarji u fuq l-esportazzjoni ta’ ċerti oġġetti u teknoloġiji sensittivi, jirrestrinġu l-aċċess għas-suq kapitali u jipprojbixxu l-provvista tas-servizzi meħtieġa għat-tweġġ ta’ ċerti operazzjonijiet taż-żejt. Il-Qorti Ġenerali kkonfermat dawn il-miżuri fuq il-bażi li l-għan tagħhom huwa konformi mal-politika barranija tal-Unjoni u li l-indhul fil-libertà li jmexxu negozju u d-dritt għall-proprjetà tal-impreżi kkonċernati ma jistgħux jitqiesu li huma sproporzjonati.



Sentenzi *Rosneft et vs Il-Kunsill* tat-13 ta’ Settembru 2018, T-715/14 et

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-proroga tal-iffriżar tal-fondi tal-ex President Eġizzjan **Hosni Mubarak u tal-membri tal-familja tiegħu** adottati wara l-iżviluppi politiċi fl-Eġittu minn Jannar 2011. Fil-fatt, il-Kunsill kellu għad-dispożizzjoni tiegħu biżżejjed informazzjoni dwar il-kuntest politiku u ġudizzjarju fl-Eġittu u l-proċeduri legali għal misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi Eġizzjani li tagħhom il-familja Mubarak kienet is-suġġett, sabiex jiġi pprorogat l-iffriżar tal-beni tagħhom.

- Sentenzi *Saleh Tħabret u Mubarak et v Il-Kunsill* tat-22 ta' Novembru 2018, T-274/16 u T-275/16
- Sentenza *Mubarak vs Il-Kunsill* tat-12 ta' Diċembru 2018, T-358/17

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali tat deċijoni dwar il-validità ta' miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi u impriżi, adottati b'rabta mas-sitwazzjoni demokratika tal-Ukraina, tas-Sirja, tal-Korea ta' Fuq u tal-Eġittu.

- Sentenza *Stavytskyi vs Il-Kunsill* tat-22 ta' Marzu 2018, T-242/16
 - Sentenza *Azarov vs Il-Kunsill* tas-26 ta' April 2018, T-190/16
 - Sentenza *lukash vs Il-Kunsill* tas-6 ta' Ġunju 2018, T-210/16)
 - Sentenza *Abruzov vs Il-Kunsill* tat-6 ta' Ġunju 2018, T-258/17
 - Sentenza *Klyuyev vs Il-Kunsill* tal-11 ta' Lulju 2015, T-240/16)
 - Sentenza *Kaddour vs Il-Kunsill* tal-31 ta' Mejju 2018, T-461/16
 - Sentenza *Hx vs Il-Kunsill* tad-19 ta' Ġunju 2018, T-408/16
- Sentenza *Kim et vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni* tal-14 ta' Marzu 2018, kawża maqgħuda T-533/15 u T-264/16
- Sentenza *Ezz et vs Il-Kunsill* tas-27 ta' Settembru 2018, T-288/15





Brexit

Fl-2018, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni kemm dwar ir-reversibbiltà tal-Brexit kif ukoll dwar il-legalità tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ftuħ tan-negozjati dwar il-kundizzjonijiet għall-Brexit, kif ukoll dwar l-eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej maħruġa mill-awtoritajiet Brittaniċi.

Fuq talba ta' diversi membri tal-Parlament Skoċċiż, tal-Parlament tar-Renju Unit u tal-Parlament Ewropew, qorti Skoċċiża għamlet rinviu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex issir taf, fl-ipoteżi li r-**Renju Unit jiddeċiedi li jibqa' fl-Unjoni**, dan l-Istat Membru jkunx jista' jirtira unilateralmment l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni, jiġifieri mingħajr il-kunsens tal-Unjoni jew l-Istati Membri l-oħra. Il-Qorti tal-Ġustizzja wiegħbet b'mod affermattiv, b'mod li revoka b'hal din tkun tfisser li r-Renju Unit jibqa' fl-Unjoni f'kundizzjonijiet li ma jinbidlux fl-istatus tiegħu b'hal Stat Membru.



Sentenza *Wightman et tal-10 ta' Diċembru 2018, C-621/18*

Fl-2016, ir-Renju Unit ħareġ żewġ **mandati ta' arrest Ewropej** kontra raġel biex jipproċedi għall-prosekuzzjoni għal reati serji. Wara li ġie arrestat fl-Irlanda, ir-raġel oppona l-konsenja tiegħu fir-Renju Unit fuq il-bażi li, minħabba l-Brexit, huwa jiċċaħħad mid-drittijiet fundamentali li d-dritt tal-Unjoni tiggarantixxi lill-persuni koperti minn tali mandati. Mitluba tippronunzja ruħha fuq dan is-suġġett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, fl-assenza ta' raġunijiet serji u sostanzjali li jwasslu li wieħed jemmin li l-persuna suġġetta għal tali mandat tkun tista' tiġi m'caħħda minn dawn il-garanziji wara l-Brexit, il-mandat maħruġ mill-awtoritajiet tar-Renju Unit kellu jiġi eżegwit sakemm ir-Renju Unit ikun parti mill-Unjoni.



Sentenza *RO tad-19 ta' Settembru 2018, C-327/18 PPU*



Dritt istituzzjonali

Id-dritt tal-Unjoni jipprevedi drittijiet u obbligi mhux biss għall-Istati Membri, għall-impriżi u għall-individwi, iżda wkoll għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dawn tal-aħħar għandhom joperaw skont regoli legali speċifiċi, li l-osservanza tagħhom tiġi mistħarrġa mill-Qrati tal-Unjoni. Kemm jekk dan jirrigwarda l-proċess ta' adozzjoni ta' att leġiżlattiv u kemm jekk jirrigwarda pagamenti li jsiru mill-baġit tal-Unjoni, ir-regolarità tal-atti tal-istituzzjonijiet hija fundamentali sabiex tinżamm il-fiduċja pubblika fil-funzjonament u fl-awtorità tagħhom.

Membru tal-Parlament Ewropew, impjegat **assistent parlamentari** bejn l-2010 u l-2016 u rċeviet madwar EUR 300 000 għar-remunerazzjoni tiegħu. Peress li ma rnexxilhiex turi li l-persuna impjegata kienet effettivament eżerċitat din l-attività, il-Parlament ordna lill-membru jirritorna l-ammont li ngħata. Il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjoni tal-Parlament minħabba li l-membru naqas milli jagħti prova tal-effettività tax-xogħol tal-assistent tiegħu.

→ [Sentenza Le Pen vs Il-Parlament tad-19 ta' Ġunju 2018, T-86/17](#)

Skont id-dritt tal-Unjoni, miljun ċittadin minn mill-inqas kwart tal-Istati Membri jistgħu jieħdu l-inizjattiva li jistiednu lill-Kummissjoni tipproponi lil-leġiżlatur tal-Unjoni jadotta att legali. Tali **Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej**, intitolata "Wieħed Minna", tnediet biex twaqqaf il-finanzjament, mill-Unjoni, ta' attivitajiet li jinvolvu l-qerda ta' embrijuni umani fil-qasam tar-riċerka u tas-saħħa pubblika. Filwaqt li l-inizjattiva ġabret il-miljun firma meħtieġa għall-validità tagħha, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tiegħu l-ebda azzjoni. L-awturi tal-inizjattiva allura kkontestaw din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali. Hija ċaħdet ir-rikors peress li qieset li d-deċiżjoni kienet motivata biżżejjed u li inizjattiva taċ-ċittadini ma setgħetx tobbliġa lill-Kummissjoni tissottometti proposta għal att legali.

→ [Sentenza One of Us et vs Il-Kummissjoni tat-23 ta' April 2018, T-561/14](#)



Aċċess għal dokumenti

L-aċċess għad-dokumenti huwa parti essenzjali mill-politika ta' trasparenza tal-istituzzjonijiet Ewropej. B'hekk, iċ-ċittadini u r-residenti kollha tal-Unjoni Ewropea jgawdu mid-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet, tal-korpi, tal-uffiċċji u tal-aġenziji tal-Unjoni, bla ħsara għal xi eċċezzjonijiet.

Il-Qorti Ġenerali annullat deċiżjoni tal-Parlament li tirrifjuta l-aċċess għal dokumenti li fihom informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet tal-istituzzjonijiet dwar proċeduri pendenti ta' kodeċiżjoni. Peress li naqset milli turi li aċċess sħiħ għal dawn id-dokumenti jista' jdgħajjef il-proċess deċiżjonali tagħha, il-Parlament għandu, bħala prinċipju, jipprovdi, fuq talba, aċċess għad-dokumenti relatati mat-**trilogi** pendenti (laqgħat tripartitiċi informali bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar proposti leġiżlattivi). Peress li huma fażi deċiżiva tal-proċedura leġiżlattiva, ix-xogħol tat-trilogi jeħtieġ rispettt sħiħ għad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti.

→ **Sentenza De Capitani vs Il-Parlament tat-22 ta' Marzu 2018, T-540/15**



B | IĊ-ĊIFRI BAŻIĊI TAL-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' prinċipalment tisma' kawżi dwar:

- **talbiet għal domandi preliminari**, meta qorti nazzjonali jkollha dubji dwar l-interpretazzjoni ta' att adottat mill-Unjoni jew dwar il-validità tiegħu. Il-qorti nazzjonali tissospendi l-kawża quddiemha u tagħmel talba lill-Qorti tal-Ġustizzja, li tagħti r-risposta dwar l-interpretazzjoni t-tajba tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni jew dwar il-validità tagħhom. Ladarba tingħata d-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti nazzjonali tkun tista' taqta' l-kawża quddiemha. Fost il-kawżi li jirrikjedu risposta fi żmien qasir ħafna (pereżempju fil-qasam tal-ażil, tal-kontroll tal-fruntieri, tal-ħtif ta' minuri, etc.), hemm prevista proċedura preliminari b'urġenza ("PPU");
- **appelli**, mid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali, li huma rimedji ġudizzjarji li bihom il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tħassar deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali;
- **rikorsi diretti**, li jfittxu prinċipalment li:
 - att tal-Unjoni jiġi annullat ("**rikors għal annullament**") jew
 - jiġi kkonstatat li Stat Membru naqas taħt id-dritt tal-Unjoni ("**rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu**"). Jekk l-Istat Membru ma jikkonformax ruħu mas-sentenza li tkun ikkonstatat in-nuqqas, rikors ieħor, imsejjaħ "**rikors għat-tieni nuqqas**", jista' jwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja timponi fuqu sanzjoni ta' flus;
- talba għal opinjoni fuq il-kompatibbiltà mat-Trattati ta' ftehim li l-Unjoni tipproponi li tikkonkludi ma' stat terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali. Din it-talba tista' titressaq minn Stat Membru jew minn istituzzjoni Ewropea (il-Parlament, il-Kunsill jew il-Kummissjoni).



849 Kawża mressqa

Proċeduri preliminari

568

li minnhom **19** PPU

Stati Membri li minnhom prinċipalment joriġinaw it-talbiet:

Ġermanja: **78** Italja: **68** Spanja: **67**
Franza: **41** Belġju: **40**

Rikors dirett

63

li minnhom

57 rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u

2 rikorsi għat-tieni nuqqas

Appell minn deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali

199

Talbiet għal għajjuna legali

6

Parti fil-kawża li ma tkunx tista' tħallas għall-ispejjeż tal-kawża tista' titlob li tibbenefika mill-għajjuna legali b'xejn.





760 Kawża magħluqa

Proċedura preliminari

520

li minnhom

11

PPU

Rikors dirett

60

li minnhom

30

nuqqas ikkonstatat kontra **17-il** Stat Membru

li minnhom

5

sentenzi għat-“tieni nuqqas”

Appell minn deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali

165

li minnhom

27

annullaw id-deċiżjoni adottata mill-Qorti Ġenerali

Tul medju tal-kawżi



15,7 xhur

Proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari



3,1 xhur

Oqsma prinċipali ttrattati:

- 15** Agrikoltura
- 33** Ambjent
- 42** Dritt soċjali
- 41** Kompetizzjoni u għajjuna mill-Istat
- 77** Libertajiet ta' moviment u ta' stabbiliment u suq intern
- 74** Proprjetà intellettuali u industrijali
- 19** Protezzjoni tal-konsumatur
- 74** Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja
- 58** Tassazzjoni
- 38** Trasport
- 12** Unjoni Doganali





IL-QORTI ĠENERALI

Il-Qorti Ġenerali tista' tintalab tisma' kawżi, fl-ewwel istanza, fuq rikorsi diretti mressqa mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi (kumpanniji, assoċjazzjonijiet, etc) u mill-Istati Membri kontra l-atti tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-organi tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll ta' rikorsi għal kumpens għal danni kkawżati mill-istituzzjonijiet jew mill-persunal tagħhom. Il-parti l-kbira tal-kwistjonijiet hija ta' natura ekonomika: proprjetà intellettuali (trade marks u disinni tal-Unjoni Ewropea), kompetizzjoni, għajjnuna mill-Istat, u sorveljanza bankarja u finanzjarja.

Il-Qorti Ġenerali hija wkoll kompetenti taqta' kawżi fil-qasam tas-servizz pubbliku fuq tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-persunal tagħha.

Mid-deċizzjonijiet tal-Qorti Ġenerali jista' jitressaq appell, fuq kwistjonijiet ta' dritt biss, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.



834

Kawża mressqa

Rikors dirett

732

li minnhom

70

dwar għajjnuna mill-Istat (inklużi 4 rikorsi mressqa minn Stati Membri)

301

dwar proprjetà intellettuali u industrijali

268

rikors dirett ieħor (inklużi 18-il rikors imressaq mill-Istati Membri)

93

fil-qasam tas-servizz pubbliku

Talbiet għal għajjnuna legali

49



Parti fil-kawża li ma tkunx tista' tħallas għall-ispejjeż tal-kawża tista' titlob li tibbenefika mill-għajjnuna legali b'xejn.



1 009

Kawża magħluqa

Rikors dirett

893

li minnhom

123 dwar għajnuna mill-Istat u kompetizzjoni

349 dwar proprjetà intellettuali u industrijali

110 fil-qasam tas-servizz pubbliku

434 rikors dirett ieħor

appell minn deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

9

li minnhom

7 annullaw id-deċiżjoni tat-TSP

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (TSP), imwaqqaf fl-2004, waqqaf l-attività tiegħu, fil-kuntest tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea, fil-31 ta' Awwissu 2016. Il-kawżi pendenti quddiemu f'din id-data ġew ittrasferiti lill-Qorti Ġenerali li, mill-1 ta' Settembru 2016, issa hija l-qorti kompetenti li taqta' l-kawżi fuq rikorsi dwar is-servizz pubbliku.

Tul medju tal-kawżi



20

xahar

Deċiżjonijiet li minnhom sar appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

27 %

1 333

Kawżi pendenti
(fil-31 ta' Diċembru 2018):

Suġġetti ewlenin ittrattati:

30 Aċċess għal dokumenti

43 Agrikoltura

8 Ambjent

219 Għajnuna mill-Istat

68 Kompetizzjoni

22 Kuntratti pubbliċi

60 Miżuri restrittivi

127 Politika ekonomika u monetarja

322 Proprjetà intellettuali u industrijali

162 Regolamenti tal-Persunal







SENA TA' FTUĦ U TA' KUNTATTI

3



A | L-AVVENIMENTI IMPORTANTI

Id-djalogu li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea żżomm mal-qrati nazzjonali u maċ-ċittadini Ewropej ma jseħħ biss matul il-proċeduri gudiżzarji, imma jiżviluppa kull sena permezz ta' ħafna kuntatti.

F'dan ir-rigward, l-2018 kienet sena mimlija laqgħat u diskussjonijiet, li jgħinu fit-tixrid tad-dritt u tal-ġurisprudenza tal-Unjoni, kif ukoll fil-komprensjoni tagħhom.

13

ta' April

**FINALI TAL-
KOMPETIZZJONI
"EUROPEAN LAW
MOOT COURT"**



Il-European Law Moot Court Competition, li ilha tiġi organizzata għal dawn l-aħħar 30 sena mill-European Law Moot Court Society, hija kompetizzjoni ta' trattazzjoni legali li għandha l-għan li xxerred l-għarfien tad-dritt tal-Unjoni fost l-istudenti tal-liġi. Hija meqjusa li hija waħda mill-iktar kompetizzjonijiet prestiġjużi fid-dinja, u l-finali tinżamm kull sena fil-Qorti tal-Ġustizzja, fejn it-timijiet komposti minn studenti mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni, iżda anki mill-Istati Uniti, jikkompetu ma' xulxin f'dibattiti legali li jinżammu quddiem bordijiet komposti mill-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali. Ir-rebbieħ tal-edizzjoni tal-2018 huwa t-tim tal-Kulleġġ tal-Ewropa fi Bruges (Belġju). Il-premji għall-"Aħjar Avukat Ġenerali" u għall-"Aħjar Aġent tal-Kummissjoni" ingħataw lil Tycho Tjil Eggenhuizen mill-Università ta' Maastricht (Pajjiżi l-Baxxi) u lil Federica VELLI mill-Università ta' Den Haag (Pajjiżi l-Baxxi) rispettivament.

5

ta' Mejju

ĠURNATA "BIBIEN MIFTUĦA" TAL-ISTITUZZJONI

Fl-okkażjoni tal-Ġurnata tal-Ewropa, li tiġi ċelebrata fid-9 ta' Mejju fl-Istati Membri kollha sabiex tfakkar id-diskors mogħti mill-Ministru Franċiż Robert Schuman fis-9 ta' Mejju 1950, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea torganizza ġurnata "bibien miftuħa". L-avveniment jara l-parteċipazzjoni attiva ta' iktar minn 180 uffiċjal volontarju tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jilqa', jinforma u jiggwida lill-viżitaturi, f'dawra bi spjegazzjoni, f'ambjent konvivjali. Din il-ġurnata tippermetti liċ-ċittadini jiskopru l-istituzzjoni, il-missjoni tagħha u kif taħdem, kif ukoll l-arkitettura u l-opri tal-arti msellfa mill-Istati Membri li hija tilqa' u li jkattru l-wiri tat-tradizzjonijiet artistiċi u kulturali Ewropej. Din is-sena, il-Jum bibien miftuħa ġie organizzat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI). Il-Qorti ġibdet iktar minn **2 200 viżitatur**, li kellhom l-opportunità jieħdu sehem f'sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet mal-President Lenaerts.



23

sas-

26

ta' Mejju

KUNGRESS FIDE

Imwaqqaf fl-1961 mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tad-dritt Ewropew tas-sitt Stati Membri fundaturi tal-Unjoni Ewropea (Belġju, Franza, Ġermanja, Italja, Lussemburgu u Pajjiżi I-Baxxi), il-Federazzjoni Internazzjonali għad-dritt Ewropew (FIDE) issa tiġbor flimkien l-assoċjazzjonijiet tad-dritt Ewropew ta' kull Stat Membru, tal-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni, tan-Norveġja u tal-Isvizzera. Il-Kungress biennali tiegħu huwa meqjus wieħed mill-iktar konferenzi importanti u rinomati dwar id-dritt tal-Unjoni. Jipparteċipaw fih madwar 500 ġurista, li tippermetti lil

rappreżentanti magħrufa tad-dinja akkademika jiltaqgħu ma' mħallfin u avukati ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, ġudikanti ta' qrati supremi nazzjonali u qrati oħrajn, uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u ministeri nazzjonali, kif ukoll avukati. Din is-sena, it-XXVIII kungress, organizzat f'Estoril (Portugall) kien iċċentrat madwar tliet temi prinċipali: is-suq intern u l-ekonomija diġitali; il-fiskalità, l-għajnuna mill-Istat u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni; id-dimensjoni esterna tal-politiki tal-Unjoni.



4

ta' Ottubru

JUM L-ISTUDJU
TAL-BIBLIJOTEKA

Il-biblijoteka tal-Qorti tal-Ġustizzja tikkostitwixxi referenza tad-dritt tal-Unjoni. Inżamm jum ta' studju li għabar mitt membru tal-biblijoteki tal-qradi tan-Netwerk Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea, biblijoteki legali Ewropej u istituzzjonijiet u aġenziji oħra biex jiddiskutu l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-biblijoteki legali moderni, fil-qasam, b'mod partikolari, tad-diġitalizzazzjoni

u tal-iżviluppi teknoloġiċi. Dan l-avveniment jippermetti li jitqiegħdu l-pedamenti sabiex tinbeda kooperazzjoni ma' biblijoteki oħra sabiex titwessa' l-firxa ta' dokumentazzjoni disponibbli għall-utenti.



18

sal-

20

ta' Novembru

FORUM
TAL-MEMBRI
TAL-ĠUDIKATURA



Membri tal-ġudikatura minn diversi qradi tal-Istati Membri jiltaqgħu kull sena fl-okkażjoni tal-Forum organizzat mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jaqsmu fehmithom fuq varji suġġetti tad-dritt tal-Unjoni. Dan l-avveniment, li kien ġie organizzat għall-ewwel darba fl-1968, ifittex li jsaħħaħ id-djalogu ġudizzjarju li l-Qorti tal-Ġustizzja żżomm mal-imħallfin nazzjonali, b'mod partikolari fil-kuntest tad-domandi preliminari, imma wkoll sabiex jippromwovu t-tixrid u l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, peress li l-imħallfin nazzjonali huma

l-ewwel persuni li huma mistennija japplikawh għall-kwistjonijiet li jkollhom jaqtgħu. Din is-sena, 155 imħallef nazzjonali pparteċipa fil-Forum li fih kellhom skambju mal-Membri tal-Qorti dwar il-proċedura għal deċiżjoni preliminari, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-ażil u l-immigrazzjoni, il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili, il-ġlieda kontra l-abbużi (liġi tat-taxxa, liġi tal-konsumatur, kollokament tal-ħaddiema) kif ukoll l-aħħar żviluppi fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali.

ŻJARAT UFFIĊJALI

Fil-kuntest tal-iskambju istituzzjonali kostanti bejn il-Qorti tal-Ġustizzja, l-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra, il-qradi internazzjonali u l-istituzzjonijiet kif ukoll il-qradi tal-Istati Membri tal-Unjoni, il-**Qorti tal-Ġustizzja** fl-2018 laqgħet lil Margrethe Vestager, il-Kummissarju Ewropew għall-Kompetizzjoni, Věra Jourová, il-Kummissarju Ewropew għall-Ġustizzja, għall-Konsumaturi u għall-Ugwaljanza bejn is-sessi, Tiemo Wölken u Monika Hohlmeier, Membri tal-Parlament Ewropew, kif ukoll delegazzjonijiet tal-European Federation of Energy Law Associations (EFELA), tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) u tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Avukati fil-Qradi Supremi.

Hija laqgħet ukoll lil Seamus Woulfe SC, Attorney General tal-Irlanda, Bruno Lesserre, Viċi President tal-Kunsill tal-Istat Franċiż, Frédéric Van Leeuw, Prosekutur Federali tar-Renju tal-Belġju, u François Molini, Prosekutur tar-Repubblika ta' Pariġi, kif ukoll delegazzjonijiet ta' maġistrati għolja u ġuristi tal-Polonja, tal-Qorti Suprema tal-Finlandja, tal-Qorti Suprema tal-Irlanda, u tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti Suprema tal-Kroazja.

Barra minn hekk, hija laqgħat id-d-delegazzjonijiet mill-Parlament Fjamming u tal-Komunità Germanofona tal-Belġju, tal-Berliner Abgeordethagage (il-Kamra tad-Deputati ta' Berlin), tal-iStatsreviżur (il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi) Daniż, u tal-Kummissjonijiet tal-Verifika u tal-Affarijiet Barranin tal-Parlament Litwan.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet iż-żgħira ta' varji personalitajiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari l-E.T. Xavier Bettel (ritratt), Prim Ministru u Ministru tal-Istat tal-Lussemburgu,

l-E.T. Andrej Plenković, Prim Ministru tal-Kroazja, Katarina Barley (ritratt), Ministru Federali tal-Ġustizzja u tal-Protezzjoni tal-Konsumaturi tal-Ġermanja, Dražen Bošnjaković, Ministru tal-Ġustizzja tal-Kroazja, u Tsetska Tsacheva, Ministru tal-Ġustizzja tal-Bulgarija.

Fl-2018, il-**Qorti tal-Ġustizzja** żaret il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasbourg, il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja tal-Lussemburgu, is-Sechser-Treffen (laqgħa ta' sitta) tal-qradi kostituzzjonali Germanofoni f'Karlsruhe (Ġermanja), il-Qorti Suprema tar-Renju Unit, u l-Kunsill tal-Istat Franċiż. Hija wkoll marret l-Iżvezja biex tiltaqa' mal-membri tal-Qorti Suprema, tal-Qorti Amministrattiva Suprema, tal-Qorti tal-Appell ta' Svea u tal-Qorti Amministrattiva tal-Appell ta' Stokkolma. Matul din iż-żgħira, id-delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ltaqgħet ukoll mal-Kanċillier tal-Ġustizzja, kif ukoll mal-Ministri għall-Ġustizzja u għall-Affarijiet Interni, għall-Affarijiet Barranin, u għall-Ministri Ewropej u għall-Kummerċ.

Fl-2018, il-Qorti Ġenerali rċeviet delegazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-imħallfin Skoċċiżi u tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

Delegazzjoni tal-Qorti Ġenerali żaret ukoll l-EUIPO f'Alicante (Spanja) fil-kuntest tal-konferenza annwali "IP Case Law conference" li indirizzat kwistjonijiet sostantivi u proċedurali relatati mal-kontenzjuż tat-trade marks u d-disinni.



DJALOGU KOSTANTI MAL-PROFESSJONISTI TAD-DRITT

- Jinżamm id-djalogu ġudizzjarju ma' ġudikanti nazzjonali

Intlaqgħu iktar minn

2 400

ġudikant nazzjonali

- laqgħa tal-ġudikanti nazzjonali fil-kuntest tal-Forum annwali tal-membri tal-ġudikatura jew fil-kuntest ta' stage ta' 6 jew 10 xhur fi h'dan kabinett ta' Membru
- seminars organizzati fil-Qorti tal-Ġustizzja
- informazzjoni għall-ġudikanti nazzjonali fil-kuntest ta' assoċjazzjonijiet jew ta' networks ġudizzjarji Ewropej
- parteċipazzjonijiet fil-ftuħ tas-sena forensi tal-qrati nazzjonali supremi u superjuri, u laqgħat mal-Presidenti jew il-Viċi Presidenti tal-qrati supremi Ewropej

- Azzjoni favur l-applikazzjoni u l-komprensjoni tad-dritt tal-Unjoni

705



gruppi ta' viżitaturi

li jingħataw preżentazzjoni fuq is-seduti li jattendu jew fuq kif jaħdmu l-qrati

li minnhom

197




grupp ta' professjonisti tad-dritt

jiġifieri

3 825

 persuni

303



avukat irċevuti

453

utenti
esterni



studenti, riċerkaturi, professuri li wettqu riċerka fil-biblijoteka tal-istituzzjoni

DJALOGU MSAHHATH MAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ



19 493

viżitatur

li minnhom

2 233

matul il-ġurnata
“bibien miftuħa”



207

stqarrija għall-istampa

total ta’

2 259

verżjoni lingwistika

Kull stqarrija għall-istampa tiġi tradotta f’diversi lingwi sabiex jiġi ffaċilitat ix-xogħol tal-ġurnalisti mill-Istati Membri. Dawn l-istqarrijiet huma disponibbli fis-sit: curia.europa.eu/jcms/PressReleases



490

tweet mibgħuta mill-kont Twitter tal-Qorti

tal-Ġustizzja, li għandu

61 500

“segwaċi”

112



talba għal aċċess għal dokumenti amministrattivi u għall-arkivji storiċi tal-istituzzjoni

Madwar

43 000



talba għal informazzjoni fis-sena

DJALOGU UFFIĊJALI U ISTITUZZJONALI REGOLARI



29

żjara uffiċjali



3

udjenzi solenni





AMMINISTRAZZJONI LI TAQDI L-ĠUSTIZZJA

4



Ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, li huwa s-segretarju ġenerali tal-istituzzjoni, imexxi d-dipartimenti amministrattivi taħt l-awtorità tal-President.

Huwa jixhed dwar l-impenn tad-dipartimenti li jagħtu sostenn lill-attività ġudizzjarja.

ID-DIPARTIMENTI TAL-ISTITUZZJONI: PROĠETT SABIEX ISOSTNI L-ATTIVITA TAL-QRATI

Is-sena 2018 kienet ikkaratterizzata minn riorganizzazzjoni fil-fond tal-istruttura amministrattiva tal-istituzzjoni [ara l-kaxxa], li ppermettiet li tiġi ffaċċjata l-isfida doppja kkawżata, minn naħa, mit-tnaqqis tal-effettivi impost fuq l-istituzzjonijiet, li wassal għal tnaqqis ta' 6.5 % tal-persunal tad-dipartimenti matul il-perijodu 2013-2017, u, min-naħa l-oħra, miż-żieda tal-volum ta' xogħol tal-qrati u, konsegwentement, tad-dipartimenti li jsostnuhom.

Din l-organizzazzjoni l-ġdida diġà ppermettiet il-ħolqien ta' sinerġiji ġodda bejn id-dipartimenti, li jiġu rrazzjonalizzati l-flussi tax-xogħol, kif ukoll li jiffavorixxu sforzi paralleli f'oqsma ta' interess komuni, b'mod partikolari f'kuntest regolamentari li jimponi fuq id- dipartimenti kollha li jikkonċepixxu mill-ġdid il-metodi tax-xogħol tagħhom (pereżempju wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament il-ġdid dwar il-protezzjoni tad-data personali jew tar-regolament finanzjarju ġdid applikabbli għall-istituzzjonijiet).

L-Istruttura amministrattiva ġdida tal-istituzzjoni, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018, tistrieħ fuq tliet pilastri ewlenin:

- li tiżgura l-użu kkoordinat u effiċjenti tar-riżorsi umani u materjali tal-istituzzjoni, kompitu fdat f'idejn id-Direttorat Ġenerali għall-Amministrazzjoni, li issa jinkludi d-direttorati għar-riżorsi umani u l-amministrazzjoni tal-persunal, tal-baġit u tal-affarijiet finanzjarji, u tal-bini u tas-sigurtà;
- li tiżgura l-ġestjoni razzjonali, iżda wkoll id-difiża u l-promozzjoni tal-multilingwiżmu legali, billi tniedi "Azzjoni għall-Multilingwiżmu" taħt il-patroċinju tad-Direttorat Ġenerali l-ġdid għall-Multilingwiżmu, li jiġbor flimkien id-dipartimenti tal-interpretazzjoni u tat-traduzzjoni legali (ara l-paġna 61);
- li tiżgura l-konservazzjoni, il-kondiviżjoni u t-tixrid strutturat tal-informazzjoni, taħt ir-rwol doppju istituzzjonali u ġudizzjarju, taħt l-awtorità tad-Direttorat Ġenerali l-ġdid għall-Informazzjoni (kompost mid-Direttorati tal-Biblijoteka, tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni).



Dawn il-bidliet wasslu wkoll biex id-dipartimenti jirrievalwaw l-adattament tal-provvista tagħhom mal-aspettattivi tal-qrati, tal-professjonisti u taċ-ċittadini Ewropej. B'mod partikolari, twettqet riflessjoni approfondita fir-rigward tal-prodott ipprovdut mid-dipartiment tar-riċerka u dokumentazzjoni favur l-attività ġudizzjarja, iżda wkoll dak tal-analiżi, ta' indiċjar u ta' tixrid tal-ġurisprudenza għall-attenzjoni, b'mod partikolari, tal-prattikanti legali u ta-dinjin akkademika. Huwa wkoll sabiex tirrispondi l-aħjar għall-aspettattivi tal-ġudikanti u tar-rappreżentanti tal-partijiet li l-istituzzjoni tkompli taħdem għad-dematerjalizzazzjoni tal-fluss ta' dokumenti fil-proċeduri, b'mod partikolari permezz ta' e-Curia (ara l-paġna 60). Fl-aħħar nett, sabiex tirrispondi mill-aħjar għall-preokkupazzjonijiet taċ-ċittadin, il-Qorti tal-Ġustizzja biddlet il-politika tagħha ta' pubblikazzjoni, fuq l-internet, ta' ċerti dokumenti ġudizzjarji sabiex issaħħaħ il-protezzjoni tad-data tal-persuni kkonċernati fil-kawżi preliminari.

Id-dipartimenti jieħdu sehem, barra minn hekk, fi pjan wiesgħa ta' **modernizzazzjoni tal-ġodda tekniċi tagħhom**, bit-tir ta' integrazzjoni u transversalità ikbar. It-tnedija ta' programm informatiku ta' ġestjoni integrata tal-kawżi, u fl-istess ħin, ta' proġett ta' ġestjoni tas-sistema dokumentali amministrattiva huma żewġ eżempji prinċipali, fil-qasam ġudizzjarju u fil-qasam amministrattiv.

Din ir-riorganizzazzjoni timxi, fl-aħħar nett, pass pass ma' **evoluzzjoni fil-ġestjoni tar-riżorsi umani**, li tfittex li telimina l-kompartimentalizzazzjoni u żżid it-tixrid tal-informazzjoni, imma wkoll ugwaltanza ikbar fl-evoluzzjoni tal-karrieri professjonali. It-tisħiħ tal-offerta ta' taħriġ fil-qasam amministrattiv, l-esperimentazzjoni tal-job shadowing bejn dipartimenti, l-użu jiżdied tad-delegazzjoni kif ukoll l-attenzjoni għall-aċċess tal-persunal femminili għall-pożizzjonijiet ta' tmexxija huma proġetti kurrenti li għalihom l-uffiċjali u l-membri tal-persunal qed jissejnhu biex jipparteċipaw fihom.

Fit-tfittxija kostanti tagħha għall-effiċjenza, l-istituzzjoni madankollu ma rrevedietx biss l-istruttura amministrattiva tagħha u l-funzjonament tad-dipartimenti tagħha. Hija għażlet ukoll li ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mad-dinja ta' barra, sabiex tippromwovi l-kondiviżjoni ta' Prattiki tajba u skambji mal-pari tagħha.

Il-ħolqien tan-Netwerk Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea (NĠUE) bejn il-qrati kostituzzjonali u supremi tat-28 Stat Membru u l-Qorti tal-Ġustizzja, flimkien mat-tnedija ta' pjattaforma kollaborattiva fost il-membri tagħha f'Jannar 2018, huwa mekkaniżmu ewlieni għall-kooperazzjoni fis-servizz tal-kwalità u l-ħeffa tal-ġustizzja. Huwa joffri l-opportunità lill-membri tan-Netwerk jesploraw modi ġodda ta' kooperazzjoni bejn il-kontropartijiet tagħhom, sabiex jiffaċilitaw l-attivitajiet ta' monitoraġġ jew li jiġbru flimkien xogħol ta' interess komuni, bħar-riċerka legali.

Ix-xogħol imwettaq mal-biblijoteki legali Ewropej fuq l-inizjattiva tad-Direttorat tal-Biblijoteka tal-Qorti tal-Ġustizzja, li organizza ġurnata sħiħa ta' studju f'Ottubru 2018 ddedikata għall-isfidi li jridu jaffaċċjaw id-dipartimenti ta' dokumentazzjoni u l-biblijoteki legali, huwa eżempju ieħor ta' kollaborazzjoni b'suċċess biex titjeb il-kwalità tas-servizz għall-utenti, kemm interni kif ukoll esterni, u jagħmilha possibbli li jiġu kkunsidrati, għall-ġejjieni, mezzji oħra għall-kooperazzjoni bejn id-dipartimenti ta' appoġġ għall-attività ġudizzjarja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għalhekk testendi d-dialogu ġudizzjarju previst fit-Trattati permezz ta' djalogo istituzzjonali u amministrattiv, ħaġa li tippermettilu japprofondixxi r-relazzjonijiet privileġġati tiegħu mal-qrati nazzjonali, iżda wkoll jafferma mill-ġdid l-ankraġġ ta' ġustizzja Ewropea, inklużi l-aspetti l-iktar operattivi tiegħu, fit-tradizzjonijiet u l-prattiki tal-Istati Membri.

Alfredo Calot Escobar
Reġistratur

NETWORK ĠUDIZZJARJU TAL-UNJONI EWROPEA


In-Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea (NĠUE) ġie stabbilit, fuq inizzjattiva tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Presidenti tal-Qrati Kostituzzjonali u Supremi tat-28 Stat Membru, fl-okkażjoni tas-60 anniversarju tal-iffirmar tat-Trattati ta' Ruma fl-1917.

In-network ħareġ mir-rieda komuni ta' 72 qorti għolja tat-28 Stat Membru u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-ġudikanti nazzjonali - imħallfin tad-dritt komuni tal-Unjoni - u l-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea - li jiżguraw l-interpretazzjoni uniformi tagħha - fi djalogu għas-servizz tal-kwalità tal-ġustizzja u tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-partijiet fil-kawża Ewropej.

L-ewwel implimentazzjoni ta' dan in-network kienet, f'Jannar 2018, inqas minn sena wara t-tnedija tagħha, li tinholq pjattaforma kollaborattiva disponibbli fil-lingwi kollha tal-Unjoni, li tiġbor flimkien il-ħidma mwettqa mill-imħallfin tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u mill-qrati nazzjonali, fil-kuntest tal-attivitajiet ġudizzjarji tagħhom.

Dawn tal-aħħar għalhekk għandhom għodda li tippermettilhom jagħmlu l-ġurisprudenza tagħhom u x-xogħol ta' riċerka u analiżi disponibbli għall-kontropartijiet tagħhom, sabiex jaqsmu l-għarfien u l-effikaċja tagħhom. Hija twieġeb ukoll għax-xewqa li jissaħħaħ il-fehim tas-sistemi legali nazzjonali, bil-għan ta' arrikkiment reċiproku għas-servizz ta' ġustizzja kondiviża u li jirrispetta kemm it-tradizzjonijiet Ewropej kif ukoll dawk nazzjonali.

Il-pjattaforma NĠUE illum għandha iktar minn 2 000 utent fi ħdan il-Qrati Kostituzzjonali u Supremi tal-Istati Membri. Wara dan is-suċċess u fid-dawl tal-ġid ta' dokumenti f'dan is-sit, il-Qorti tal-Ġustizzja issa qed tipprospetta li tippermetti lill-pubbliku ġenerali u, konsegwentement, lill-professionisti legali kollha, li jkollhom aċċess għad-dokumenti kollha li jistgħu jkunu ta' interess fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom. Dan ser iseħħ sa tmiem l-2019.





IL-PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI FIL-KUNTEST TAL-KAWŻI PRELIMINARI

F'kuntest fejn il-progress teknoloġiku, il-big data u t-trivjalizzazzjoni tal-Internet huma sfidi għall-protezzjoni tad-data personali, l-2018 ġiet immarkata fuq livell nazzjonali u dak Ewropew, bid-dħul fis-seħħ tal-qafas regolatorju l-ġdid li jsaħħaħ il-protezzjoni taċ-ċittadini, u jiffoka b'mod partikolari fuq ċerti prinċipji stabbiliti oriġinarjament mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha.

Sabiex timxi ma' dan l-iżvilupp, il-Qorti tal-Ġustizzja adottat linji gwida ġodda fl-2018, li jsaħħu l-protezzjoni tal-individwi fil-kuntest tal-pubblikazzjonijiet relatati mad-deċiżjonijiet preliminari li jitressqu quddiemha. Tabilħaqq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tissostitwixxi l-ismijiet tal-persuni fiżiċi involuti f'dawn il-kawżi b'inizjali newtri, kemm f'isem tal-kawża kif ukoll fid-dokumenti mqegħda fl-Internet (aġenda tal-kawżi, konklużjonijiet, sentenzi, stqarrijiet għall-istampa...). Il-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura wkoll li tevita kwalunkwe formulazzjoni li tista' tippermetti li dawn il-persuni jiġu identifikati mill-ġdid. Bħala prinċipju, dan it-trattament qed jiġi applikat għad-deċiżjonijiet preliminari kollha mressqa mill-1 ta' Lulju 2018, sakemm l-ispeċifitàjiet tal-każ ma jiġġustifikaww approċċ differenti.

Sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju tal-pubbliċità tal-ġustizzja jiġi osservat fl-istess ħin, dawn il-miżuri ma jaffettwawx it-trattament abitwali tal-kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew l-iżvolġment tal-proċeduri (b'mod partikolari dak tas-seduti).

B'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkontribwixxi, flimkien ma' dawk l-Istati Membri li diġà żviluppaw is-sistemi legali tagħhom, għat-tisħiħ tal-protezzjoni tad-data personali tal-individwi fil-kuntest tad-dokumenti ġudizzjarji li tippubblika fuq l-Internet.



“E-CURIA”: L-APPLIKAZZJONI MODERNA, EFFIKAĊI U EKOLOĠIKA GĦALL-ISKAMBJU TAL-DOKUMENTI ĠUDIZZJARJI

L-applikazzjoni e-Curia hija bbażata fuq teknoloġiji tal-internet komuni fil-Qorti tal-Ġustizzja u fil-Qorti Ġenerali. Hija tippermetti l-preżentata u n-notifika ta’ atti proċedurali b’mezzi elettroniċi. Mill-bidu tagħha fl-2011, e-Curia kellha suċċess kbir: in-numru ta’ kontijiet ta’ aċċess u l-perċentwali ta’ preżentati mwettqa b’dan il-mezz ma waqafx jikber. Mill-1 ta’ Diċembru 2018, 100 % tal-preżentati quddiem il-Qorti Ġenerali qed isiru permezz tal-applikazzjoni e-Curia.

Ir-reazzjonijiet pożittivi tal-utenti (avukati u aġenti), il-kisbiet fl-effiċjenza li jirriżultaw mill-immedjatezza ta’ skambji elettroniċi u t-tneħħija tal-ġestjoni ta’ formati mħallta (karta u diġitali) wasslu lill-Qorti tkompli l-proċess ta’ demateralizzazzjoni tal-proċeduri tagħha.

B’hekk, permezz ta’ emendi tar-Regoli tal-Proċedura tagħha adottati f’Lulju 2018, u l-adozzjoni ta’ deċiżjoni ġdida dwar il-preżentata u n-notifika ta’ atti proċedurali, l-applikazzjoni e-Curia saret, għall-Qorti Ġenerali, l-uniku mod ta’ kif id-dokumenti ġudizzjarji jiġu skambjati mal-partijiet mill-1 ta’ Diċembru 2018.

Il-partijiet kollha (rikorrenti, konvenuti u intervenjenti) u t-tipi kollha ta’ proċedura, inklużi l-proċeduri ta’ urġenza, huma kkonċernati. Jibqgħu ċerti eċċezzjonijiet b’rispett tal-prinċipju ta’ aċċess għall-qorti, b’mod partikolari fejn ikun teknikament impossibbli li tintuża l-applikazzjoni jew fejn rikorrent ma jkun irrappreżentat minn avukat japplika għall-għajnuna legali.

Din ir-riforma importanti għall-Qorti Ġenerali għandha tkun ta’ benefiċċju kemm għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja - billi tgħin biex tirrazzjonalizza t-trattament tal-kawżi - kemm għall-partijiet u għall-ambjent.

Għall-utenti, e-Curia hija applikazzjoni b’xejn u tippermetti t-trażmissjoni tal-atti 24/24 u 7/7. Hija tevita li jintbagħtu dokumenti format karta lejn il-Lussemburgu flimkien ma’ diversi kopji konformi u tippermetti b’hekk li jitnaqqsu l-emissjonijiet CO₂ għall-ambjent tagħna (ara l-paġni 64-65).



L-“Azzjoni għall-multilingwiżmu” diġà rriżulta fil-ħolqien, fl-2018, ta’ kreazzjoni artistika dwar il-multilingwiżmu fil-Qorti tal-Ġustizzja, li jirrappreżenta x-xogħol tal-ġuristi-lingwisti u tal-interpreti fis-seduti, fil-laqgħat ta’ ħidma, jew fil-workshops legali. Ix-xogħol - li jikkonsisti fi projezzjoni fuq diversi skrins, kull wieħed minnhom juri parti tematika - infetħ f’Jannar 2019 fil-“Haus der Kulturen der Welt” (“Id-Dar tal-Kulturi tad-Dinja”) ta’ Berlin segwit minn konferenza-dibattitu.

L-“Azzjoni għall-multilingwiżmu” ser ikun permanenti u jipprevedi, fost l-azzjonijiet previsti għall-2019, proġett dwar il-multilingwiżmu u l-funzjonament tiegħu fil-Qorti tal-Ġustizzja.

Filwaqt li s-sena 2019 hija rikka fl-iżviluppi għall-multilingwiżmu, b’mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi, din l-azzjoni ser tgħin sabiex jitfakkar lill-istituzzjonijiet nazzjonali u liċ-ċittadini kollha tal-Unjoni li, iktar minn ideal jew bżonn, il-multilingwiżmu huwa l-ewwel u qabel kollox vantaġġ għal Unjoni Ewropea rikka tad-diversità kulturali u legali u, fuq kollox, il-mezz li bih wieħed ikun jista’ jżomm l-iktar kuntatt mill-qrib maċ-ċittadini tagħha.

Effett dirett jew applikazzjoni diretta

Id-dritt tal-Unjoni huwa applikabbli fit-territorju tal-Istati Membri: dawn tal-aħħar għandhom jiżguraw l-applikazzjoni korretta tiegħu. Għalhekk, jekk tilwima tinvolvi dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-qorti nazzjonali tista’ mhux tapplika hija stess, iżda trid tagħmel dan awtomatikament biex tippoteġi d-drittijiet li ċ-ċittadini u n-negozji jgawdu minn dan id-dritt.

Supremazija

L-Istati Membri ddeċidew li jaqsmu wħud mill-kompetenzi tagħhom fil-livell tal-Unjoni. Fil-każ ta’ kunflitt bejn il-liġi nazzjonali u d-dritt tal-Unjoni, dan tal-aħħar għandu jieħu preċedenza u l-liġijiet nazzjonali li jmorru kontrihi dan għandhom jiġu injorati.



IL-QORTI FUQ TWITTER

Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ilha preżenti fuq Twitter minn April 2013. Bis-saħħa taż-żewġ kontijiet ġestiti mid-Direttorat għall-Komunikazzjoni, hija xxandar l-attività ġudizzjarja tagħha b'mod iktar wiesa' u mħaffef. Filwaqt li fl-2017 dawn il-kontijiet (wieħed bil-Franċiż u wieħed bl-Ingliż) ġabru madwar 42 000 segwaċi, huma akkumulaw iktar minn 60 000 (eżattament 61 548) fi tmiem l-2018. Din iż-żieda ta' 45 % meta mqabbla mas-sena ta' qabel hija dovuta għal politika ta' komunikazzjoni iktar attiva fin-netwerks soċjali.

Jekk il-Qortital-Ġustizzja preċedentement użat Twitter biex ixxandar l-istqarrijiet għall-istampa tagħha, illum kellha t-tendenza li tinforma lill-abbonati tagħha dwar l-iżvilupp ta' kawżi b'impatt sinjifikattiv fuq il-media, li jħabbru d-dati tat-tressiq, tas-seduti u tad-deċiżjonijiet li jingħataw. It-tweets ikopru wkoll suġġetti oħra ta' interess, bħall-avvenimenti ewlenin li jseħħu fil-Qorti, bħal udjenzi solenni jew żjarat protokollari.

Bis-saħħa tal-funzjonalitajiet offruti minn dan in-netwerk soċjali, informazzjoni tweet tista' jkollha ritratti, filmati u links għal stqarrijiet għall-istampa jew dokumenti rilevanti relatati mal-kawżi. B'hekk, it-tixrid tal-kontenut huwa iktar dinamiku u attraenti għall-abbonati u jinkoraġġihom jirritrażmettu t-tweets. Din l-informazzjoni toħloq interess kbir. Fil-fatt, minbarra ż-żieda fin-numru ta' segwaċi, dak li jikkarakterizza ż-żewġ kontijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa r-rata medja ta' impenn tagħhom. Din laħqet medja ta' 1.34 %, b'quċċati regolari ta' iktar minn 4 %.

Fl-2018, intbagħtu mhux inqas minn 490 tweet, meta mqabbla mat-350 tas-sena ta' qabel. Ovvjament kienet it-tweet dwar il-Brexit li r-Renju Unit jista' jirrevoka unilateralment l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni (ara l-paġna 39), li kienet is-suġġett tal-ogħla numru ta' konsultazzjonijiet u ta' rittrażmissjonijiet.

Dan l-approċċ dinamiku u attiv ġdid għal dan in-netwerk soċjali jippermetti li l-istituzzjoni tikkomunika kważi f'ħin reali u tgħin biex ittejjeb l-għarfien pubbliku dwar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-impatt tagħha.

Għaċ-ċittadini Ewropej, li dak li jkun isegwi l-informazzjoni ppubblikata fuq iż-żewġ kontijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja jippermetti mhux biss li jinżammu aġġornati mal-attività ġudizzjarja tal-qrati tal-Unjoni, iżda wkoll li jipparteċipaw fit-tixrid tagħha.



ISTITUZZJONI LI TIRRISPETTA L-AMBJENT

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ilha ssegwi għal diversi snin politika ambjentali ambizzjuża, intiża li tissodisfa r-regoli l-iktar eżiġenti fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u tal-preżervazzjoni tal-ambjent.

It-tmexxija tal-proġetti immobijari tal-istituzzjoni, kif ukoll il-ġestjoni ta' kuljum tal-ġhodka mqegħda għad-dispożizzjoni tagħha huma rregolati minn din ix-xewqa kostanti ta' rispett tal-ambjent, kif tixhed il-kisba tar-reġistrazzjoni EMAS (Eco-Management and Audit Scheme) fil-15 ta' Diċembru 2016.

Iċ-ċertifikazzjoni EMAS, imwaqqfa minn regolament Ewropew u mogħtija lil organizzazzjonijiet li jissodisfaw rekwiżiti stretti marbuta mal-politika ambjentali tagħhom u mal-isforzi tagħhom favur il-preżervazzjoni tal-ambjent u tal-iżvilupp sostenibbli, hija b'hekk rikonoxximent ekoloġiku qawwi tal-impenn ambjentali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-prestazzjonijiet ambjentali għolja miksuba.



Il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet għaliha nnifisha l-għan li tnaqqas is-sehem ta' skart li jista' jiġi rkuprat f'din il-frazzjoni ta' skart mhux magħżul b' 10 % matul il-perijodu 2016-2018.




Il-fatt li l-applikazzjoni "e-Curia" (ara l-paġna 60) saret l-uniku mod ta' skambju ta' dokumenti għadizzjarji bejn ir-rappreżentanti tal-partijiet u l-Qorti Ġenerali mill-1 ta' Diċembru 2018 ser ikollha impatt ambjentali pożittiv. Pereżempju, jekk it-823 076 paġna ta' dokumenti proċedurali ppreżentati lill-Qorti Ġenerali permezz tal-applikazzjoni e-Curia fl-2018 kienu ġew ippreżentati f'forma stampata bil-kopji konformi tagħhom (3 kopji obbligatorji għall-Qorti Ġenerali u bosta kopji addizzjonali skont l-għadd ta' partijiet fi proċedura), dan kien iwassal għall-produzzjoni ta' iktar minn 4 miljun paġna ta' dokumenti, li jikkorrispondu għal iktar minn 10 tunnelli ta' karti, li, barra minn hekk, kien ikollhom jintbagħtu fiżikament lil-Lussemburgu.



Ekwivalenti għall-ħtiġijiet annwali tal-elettriku ta' 66 familja

L-indikaturi ambjentali għall-ilma, l-iskart, il-karta u l-elettriku jikkorrispondu ma' dawh tal-2017. Il-bidliet huma kwantifikati b'relazzjoni għas-sena ta' referenza 2015.







HAUSA LEJN IL-FUTUR

5

SENA MIMLIJA SFIDI U PERSPETTIVI ĠODDA

Fit-tiftix kontinwu tagħha ta' kisbiet tal-produttività, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'dawn l-aħħar snin uriet li huwa possibbli li tistabbilixxi miri realistiċi għat-tnaqqis tal-limiti tat-termini proċedurali, filwaqt li fl-istess ħin toffri ġustizzja li l-kwalità tagħha hija rrikonoxxuta universalment.

Fl-2019, din it-tfittxija ser tgħaddi minn stadju ġdid bit-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel għall-appelli, irriżervat għal ċerti kategoriji ta' kawżi, li ser isaħħu l-effikaċja tal-istħarriġ tal-applikazzjoni tad-dritt, filwaqt li ser jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonċentra fuq kawżi li jkollhom aspetti legali sinjifikattivi.

Barra minn hekk, ser tingħata attenzjoni speċjali lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, li fl-2019 ser tiċċelebra t-tletin anniversarju tagħha. Il-ħolqien tagħha kien ġie deċiż mill-Kunsill f'Ottubru 1988, iżda kien biss fil-25 ta' Settembru 1989 li l-ewwel membri tiegħu ħadu l-kariga. Iċ-ċelebrazzjoni ta' dan l-anniversarju ser tkun opportunità biex jiġi ttraċċat l-iżvilupp ta' qorti li għandha rwol essenzjali għall-istħarriġ tal-osservanza tad-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari fir-regolazzjoni tal-awtoritajiet ekonomiċi u tas-suq tal-Unjoni.

2019
goals

1.

2.

3.

4.

7
ls



IBQGĦU
KONNESSI !

6



Idħol fil-portal ta' tiftix tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali permezz tas-sit Curia



curia.europa.eu

Segwi l-attwalità tas-sentenzi u dik istituzzjonali:



- billi tikkonsulta l-**istqarrijiet għall-istampa**: curia.europa.eu/jcms/PressReleases
- billi tabbona fir-**RSS** tal-Qorti tal-Ġustizzja: curia.europa.eu/jcms/RSS
- billi ssegwi l-**kont Twitter** tal-istituzzjoni: @CourUEPresse jew @EUCourtPress
- billi tniżżel l-**App CVRIA** għal smartphones u lpads

Sabiex issir taf iktar fuq l-attività tal-istituzzjoni:



- ikkonsulta l-paġna dwar ir-**rapport annwali** 2018: curia.europa.eu/jcms/AnnualReport
 - **Panorama tas-sena**
 - **Rapport fuq l-attività ġudizzjarja**
 - **Rapport ta' ġestjoni**
- ara l-**animazzjonijiet** fuq YouTube 

Idħol fid-dokumenti tal-istituzzjoni:



- l-**arkivji storiċi**: curia.europa.eu/jcms/archive
- **id-dokumenti amministrattivi**: curia.europa.eu/jcms/documents

Żur is-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea:



- l-istituzzjoni toffri lill-partijiet interessati **programmi ta' żjarat** imfassla b'mod speċifiku skont l-interess ta' kull grupp (smiġħ ta' seduta, żjara ggwidata tal-bini jew tax-xogħlijiet tal-arti, żjara ta' studju): curia.europa.eu/jcms/visits
- Permezz taż-żjara virtwali tal-bini, tkun tista' wkoll ittir fuq il-kumpless tal-bini u tidħol fih mingħajr ma tiċċaq laq minn fejn int: curia.europa.eu/visit360/

Għal kull informazzjoni dwar l-istituzzjoni:



- iktbilna permezz tal-**formula ta' kuntatt** : curia.europa.eu/jcms/contact



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
L-2925 LUXEMBOURG
IL-LUSSEMBURGU
TEL. +352 4303-1

IL-QORTI ĠENERALI
L-2925 LUXEMBOURG
IL-LUSSEMBURGU
TEL. +352 4303-1

Il-Qorti tal-Ġustizzja fl-internet: <http://www.curia.europa.eu>

Test miktub fi Frar 2019

Informazzjoni rreferenzjata fil-31.12.2018

La l-istituzzjoni u lanqas kull persuna li tagħxi f' isem l-istituzzjoni ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni mogħtija hawn isfel.

Il-Lussemburgu: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea / Direktorat tal-Komunikazzjoni – Diviżjoni Pubblikazzjonijiet u Media Elettroniċi

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

© L-Unjoni Ewropea, 2019

Ritratti © Georges Fessy

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li jiġi indikat is-sors

Kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew ta' dokumenti oħra li tagħhom l-Unjoni Ewropea mhijiex il-proprjetarja tad-drittijiet tal-awtur huwa pprojbitt mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur.

Print QD-AQ-19-001-MT-C - ISBN 978-92-829-3018-2 - ISSN 2467-1460 - doi:10.2862/094412

PDF QD-AQ-19-001-MT-N - ISBN 978-92-829-3032-8 - ISSN 2467-169X - doi:10.2862/001490



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Direttorat tal-Komunikazzjoni
Diviżjoni Pubblikazzjonijiet u Media Elettroniċi

April 2019

